**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' April 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 132/1992 BS**

**Giuseppa armla ta' George Portelli kemm f'isimha proprju u kemm in rappresentanza tal-imsefrin Carmelo, George u Joseph aħwa Portelli, Eucharistico Portelli, Vincent Portelli, Antonia mart Joseph Vella u Maria mart Mario Portelli, Pawla mart Saver Mercieca u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2022 l-atti ġew trasfuzi minn fuq Giuseppa Portelli ghal fuq s-sebat uliedha u cioe' Carmelo Portelli, George Portelli, Joseph Portelli, Antonia Vella, Eucharist Portelli, Vincent Portelli u Mary Portelli u dan stante il-mewt tagħha.**

**-vs-**

**Carmela Saliba, Emmanuela Bonnici u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2005 l-atti ġew trasfużi għal fuq Anthony u Charles aħwa Bonnici stante l-mewt tagħha; Assunta Maria Cordina u b'digriet tal-1 ta' Ġunju 1993 l-isem ġie sostitwit b'Maria Assunta Cordina; Antonia Saliba, Carmela Grima, Lawrence Portelli, Giuseppa Cassar, George Portelli, Pawla Schembri, Maria Grech, Maria Vella, Dolora Vella u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2001 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anthony Vella; Carmelo Portelli u b'digriet tal-20 ta' Diċembru 1994 il-ġudizzju ġie trasfuz f'isem Emanuela mart Angelo Micallef, Josephine mart Angelo Curmi, Anthony, George, Mario ilkoll aħwa Portelli u f'isem Maria armla ta' Carmelo Portelli bħala mandatarja**

**tal-imsiefra bintha Dolores mart George Cauchi; Catherine Vella u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2001 Dr Chris Said ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-wirt battal ta' l-istess Catherine Vella u b'digriet tal-2 ta' Diċembru 2011 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Gregory Vella minflok il-kuratur deputat Dottor Chris Said a rigward il-wirt ta' ommu Catherina Vella; Francis Grima, Kristinu Portelli, Annie Sultana, Giovanni Grima, Joseph Grima u Carmelo Grima**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

Premess illi fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena 1940 (elfdisamija u erbghin) miet f'Victoria, Għawdex Carmelo Portelli armel minn Carmela nee' Farrugia, f'Victoria Ghawdex (Dok "A") u fil-hdax (11) ta' Mejju 1924 mietet f'Victoria, Ghawdex Carmela mart l-istess Carmelo Portelli (Dok "B") b'testment "*unica carta*" in atti tan-nutar Dottor Francesco Refalo tad-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elf disamija u tnejn u ghoxrin (1922) b'liema testment l-imsemmija konjugi Portelli ma nnominawx eredi (Dok "C") u hallew jissoprovvivuhom lill-uliedhom, Carmelo Portelli, missier il-konvenuti, Carmela Saliba, Emmanuela Bonnici, Assunta Cordina, l-attrici Pawla Mercieca u missier l-attur ahwa Portelli, lill-Antonio Portelli, missier il-konvenut, Maria mart Mariano Vella, Dolora mart Emmanuel Vella, u Carmelo ahwa Portelli Lil Luigi, lill-Emmanuel Portelli, lill-George Portelli missier il-konvenut Antonia mart Joseph Saliba, Carmela mart Salvu Grima, Lawrence Portelli, Maria mart Louis Grech, Pawla Schembri George u Giuseppa mart Anton Cassar, lil Joseph, missier il-konvenut Kristinu Portelli, u n-numru tal-konvenuti, Annie Sultana, Giovanni, Joseph Carmelo u Frank ahwa Grima, u lill-konvenuta Katerina Grima.

Premess illi b'zewg testmenti sussegwenti, wiehed in atti nutar Giuseppe Grech tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elf disamija u erba u tletin (1934) Dok "D" u l-iehor in atti nutar Dottor Antonio Galea tas-

[1] Citazzjoni b'dikjarazzjoni tal-fatti a fol 1 sa 25 u b'dokumenti annesi a fol 26 sa 38.

sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elf disamija u disgha u tletin (1939) (Dok "E") l-imsemmi testatur jiddispona mill-assi tieghu.

Premess illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elf disamija u tmienja u sittin (1968) miet f'Victoria Ghawdex, Louis Portelli (Dok "F") u b'testment "*unica carta*" ma martu Rosa in atti nutar Dottor Antonio Galea tat-tmintax (18) ta' Awwissu elf disamija u sitta u sittin (1966) wara li ddispona minn diversi beni ma nnominax eredi u ghalhekk il-wirt tieghu waqa' fuq il-kontendenti.

Premess illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar mal-konvenuti fi stat ta' kommunjoni bejniethom, u ghalkemm interpellaw lil-konvenuti sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-wirtijiet rispettivi, dawn baqghu inadempienti.

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn Carmelo u Carmela Portelli billi jigu dikjarati jikkonsistu f'dawk il-beni, mobili u immobili li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

2. Taqsam l-istess akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom, wahda lill-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Portelli, u l-ohra lill-assi partikolari tal-mejta Carmela Portelli.

3. Tiddikjara l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Portelli jikkonsisti f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u f'dawk il-beni l-ohrajn kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Tiddikjara l-assi partikolari tal-mejta Carmela Portelli jikkonsistu f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u f'dawk il-beni l-ohra kollha, mobbli u mmobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

5. M'ghandux l-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Portelli hekk likwidat jigi diviz f'sitt porzjonijiet ugwali u assenjat wahda lill-wirt tal-mejjet Luigi Portelli, l-ohra lill-eredi tal-mejjet Carmelo Portelli bin l-imsemmi Carmelo, cioe' l-konvenuti, Carmela Saliba, Emmanuela Bonnici, Assunta Cordina, l-attrici Pawla Mercieca, u l-

atturi ahwa Portelli, wahda lill-eredi tal-mejjet Antonio Portelli, wahda lill-eredi tal-mejjet George Portelli, ohra lill-eredi tal-mejjet Joseph Portelli, u ohra lill-konvenuta Catherine armla ta' Felice Vella.

6. M'ghandhux l-assi partikolari tal-mejta Carmela Portelli hekk likwidat jigi diviz f'sitt porzjonijiet ugwali u assenjat wahda lill-wirt tal-mejjet Luigi Portelli, ohra lill-eredi tal-mejjet Carmelo Portelli bin 'l fuq imsemmi Carmelo, wahda lill-eredi mejjet Antonio Portelli, wahda lill-eredi tal-mejjet George Portelli, ohra lill-eredi tal-mejjet Joseph Portelli u l-ohra lill-konvenut Catherine armla ta' Felice Vella.

7. M'ghandhiex tigi likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn il-mejtin Luigi u Rosa konjugi Portelli billi tigi dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. M'ghandhiex tigi l-istess kommunjoni diviza f'zewg porzjonijiet u assenjati wahda lill-wirt partikolari tal-mejjet Luigi Portelli u l-ohra lill-wirt partikolari tal-mejta Rosa Portelli.

9. Tigi likwidata l-assi partikolari tal-mejjet Luigi Portelli billi jigi dikjarat jikkonsisti f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Jigi l-istess assi partikolari tal-mejjet Luigi Portelli diviz f'hames porzjonijiet ugwali u assenjati wahda lill-eredi tal-mejjet Carmelo Portelli, l-ohra lill-eredi tal-mejjet Antonio Portelli, l-ohra lill-eredi tal-mejjet George Portelli, ohra lill-eredi tal-mejjet Joseph Portelli u l-ohra lil Catherine armla ta' Felice Vella.

11. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni relattiv fil-gurnata hin u lok li jigu nominati u bin-nomina tal-kuraturi sabiex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali li saru precedentement ghal dina l-kawza u bl-ingunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Assunta Cordina[2] illi eċċepiet;**

1) Illi preliminarjament l-okkju tac-citazzjoni jehtieg jigi korrett stante illi l-esponenti jisimha Maria Assunta Cordina u mhux Assunta Maria Cordina;

2) Illi ukoll preliminarjament ic-citazzjoni tehtieg tigi korretta in kwantu giet prezentata kontra konvenut, Kristinu Portelli, illi *ictu oculi* ma joqghodx gewwa Malta izda fl-esteru;

3) Illi ukoll preliminarjament il korp tac-citazzjoni jehtieg jigi korrett in kwantu l-isem ta' l-ewwel wild ta' Carmelo Portelli kontenut fl-ewwel paragrafu tal-premessi ma hux "Carmelo Saliba" bensi Carmela Saliba;

4) Illi ukoll preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla u monka in kwantu t-tieni premessa tal-korp taghha ma tiftiehemx, u għalhekk ic-citazzjoni ma tikkontjenix spjegazzjoni cara u ezatta tar-ragunijiet tat-talbiet attrici;

5) Salv il-premess, l-esponenti ma topponix it-talbiet attrici, purche l-ewwel jigu accertati l-kontenut tal-wirt in divizjoni u l-kwoti rispettivi;

6) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Dolora Vella[3] illi eċċepiet;**

(1) Il-preskrizzjoni trentennali estintiva a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

(2) Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta ma topponiex li ssir id-divizjoni mitluba purche li fl-ewwel lok jigu ivverifikati l-kwoti ta' kull wiehed mill-partijiet u l-konsistenza tal-assi.

[2] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 62 sa 64.
[3] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 67 u 68.

(3) Salvi eccezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Emanuela Bonnici[4] illi eċċepiet;**

Illi hija ma topponix ruħha għad-divizjoni mitluba salv il-verifika dwar il-kwoti u l-konsistenza tal-assi mingħajr pregudizzju ghad-dritt taghha li tirrinunzja ghall-ereditajiet in kwistjoni.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti l-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju tal-imsiefer Kristinu Portelli; Francis Grima, Annie Sultana, Giovanni Grima, Joseph Grima u Carmelo Grima[5] illi eċċepew;**

1. Il-preskrizzjoni trentennali estintiva a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti ma jopponux li ssir il-qasma mitluba mill-atturi salv li jigu verifikati l-kwoti ta' kull wiehed u wahda mill-partijiet u konsistenza tal-assi in divizjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 1993 il-kawza giet differita ghal-provi dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 1993 l-atturi talbu diversi korrezzjonijiet fir-rikors promotur sabiex b'hekk gew indirizzati l-ewwel, it-tieni, it-

[4] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 70 u 71.
[5] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 120.
[6] Verbal a fol 73

tielet, u r-raba′ ecezzjonijiet tal-konvenuta Maria Assunta Cordina b′dawn gew ghalhekk minnha konvenuta rtirati.[7]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-1 ta′ Gunju, 1993 gie mahtur l-Avv. Dr. Grazio Mercieca bhala perit legali sabiex jistabilixxi l-konsistenza tal-assi u l-kwoti tal-partijiet kontendenti.[8]

**Rat** in-nota li biha George u Lorenzo ahwa Portelli, ulied il-mejjet George u Dolora nee′ Borg, irrinunzjaw ghal-kwalunkwe′ dritt u nteress taghhom fil-wirt u s-successjoni tal-mejtin Luigi Portelli, iben il-mejtin Carmelo u Carmela nee′ Farrugia, li miet fit-22 ta′ Ottubru, 1968 kif ukoll ta′ martu Rosa Portelli, bint il-mejtin Giuseppe Spiteri u Margherita nee′ Vella, li mietet fil-31 ta′ Ottubru, 1977[9] b′dan li l-istess Lorenzo Portelli kompla sabiex iddikjara li m′ghandu ebda nteress f′din il-kawza.[10]

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca datata t-12 ta′ Ottubru, 2007.[11]

**Rat** li b′nota tal-11 ta′ Mejju, 2010 l-attrici Giuseppa Portelli ezebit kopja tar-ricerki ta′ Carmelo u Carmela konjugi Portelli kif ukoll ta′ binhom, Luigi sive Louis Portelli.[12]

**Rat** li b′digriet tal-21 ta′ Mejju, 2010[13] il-Qorti kif diversament presjeduta laqghat talba ta′ Anthony Vella maghmulha b′rikors tieghu tal-20 ta′ Mejju, 2010[14] sabiex l-istess Anthony Vella jassumi l-atti tal-kawza in kwantu ghal-kwoti spettanti lill-komparenti Josephine Curmi, Maria Portelli, u George Portelli.

**Rat** li b′nota tal-24 ta′ Frar, 2011 l-atturi ezebew kopja tad-denunzji ta′ Carmelo Portelli,[15] Carmela Portelli,[16] u ta′ Luigi sive Louis Portelli.[17]

---

[7] Verbal a fol 104.
[8] Verbal a fol 104 u digriet tal-hatra a fol 105.
[9] Nota ta′ rinunzja a fol 125.
[10] Nota tad-19 ta′ Ottubru, 1998 a fol 124.
[11] Relazzjoni a fol 168 sa 179.
[12] Nota a fol 232, ricerka dwar Carmelo Portelli a fol 235 sa 321, ricerka dwar Carmela Portelli a fol 322 sa 395, ricerka dwar Lewis Portelli a fol 396 sa 444.
[13] Digriet a fol 456.
[14] Rikors a fol 445.
[15] Denunzji a fol 461 sa 464. Ezebiti ghal darb′ohra a fol 764 sa 767 – inkluz in verso pagina.
[16] Denunzji a fol 465 u 466. Ezebiti ghal darb′ohra a fol 767 sa 768 – inkluz in verso pagina.
[17] Denunzji a fol 467 sa 482. Ezebiti ghal darb′ohra a fol 769 sa 783 – inkluz in verso pagina.

**Rat** in-nota tal-atturi tat-18 ta' Novembru, 2011 b'dokumenti dwar trasferimenti ta' varji proprjetajiet annessi maghha.[18]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2011 il-partijiet iddikjaraw li riedu jirregolaw ruhhom dwar il-pozizzjoni ereditarja ta' Fra Frangisku Portelli, fis-seklu Michelino, wild ta' Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia li miet fis-7 ta' Gunju, 1974.[19]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-22 ta' Marzu, 2012 li biha ezebew traduzzjoni ufficjali ta' kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo li bih Francesco Gauci ceda a favur ta' Antonio Portelli u ommu Carmela nee' Farrugia mart Carmelo Portelli, id-drittijiet kollha tieghu fuq l-art maghrufa *"Tal-Barrieri"*, fix-Xlendi, Ghawdex tal-kapacita' ta' erba' mundelli u soggetti ghal 11-il xelin cens annwu u perpetwu versu Saverio Borg u hutu.[20]

**Rat** in-nota tal-konvenut Anthony Vella tal-14 ta' Gunju, 2012 permezz ta' liema ezebixxa kuntratt ta' enfitewsi datat it-3 ta' Marzu 1909 li bih Saverio Borg ghamel koncessjoni enfitewtika favur Francecso Gauci.[21]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Gunju, 2012 gie mahtru il-Perit Gordon Vella bhala perit tekniku sabiex ihejji stima kif ukoll pjan ta' qasma tal-beni in divizzjoni.[22]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2013 id-difensuri tal-partijiet qablu li Fra Frangisk Portelli, fis-seklu Michelino, qatt ma' kien werriet tal-genituri tieghu Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia stante li kien irrinunzja ghal kull dritt ta' eredita' meta dahal fl-Ordni tal-Patrijiet Kapuccini.[23]

**Rat** in-nota tal-konvenuti Anthony u Charles ahwa Bonnici tal-10 ta' April, 2014 kontenenti elenku ta' proprjetajiet li skonthom jifformaw parti mill-assi in divizjoni.[24]

[18] Nota a fol 488, dokumenti a fol 489, 490, 491, u 492 sa 495. Ezebiti ghal darb'ohra a fol 756 sa 763.
[19] Verbal a fol 509. Data tal-mewt iccarata f'rikors tal-konvenut Anthony Vella a fol 534.
[20] Nota a fol 510, traduzzjoni tal-kuntratt a fol 511 u 512, kopja tal-original tal-kuntratt a fol 513 u 514
[21] Nota a fol 517, kuntratt ta' enfitewsi a fol 518 sa 525.
[22] Verbal a fol 526.
[23] Verbal a fol 544.
[24] Nota a fol 550.

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Gordon Vella, tal-11 ta' April, 2018.[25]

**Rat** in-nota tal-konvenut Anthony Vella li biha ezebixxa kuntratt ta' akkwist tat-3 ta' April, 1998 in atti Nutar Joanne Cauchi li bih akkwista mill-poter ta' terzi – A. Grech u martu M. Grech – porzjon diviza ta' art maghrufa *"Is-Sidra"*, fix-Xlendi, Ghawdex, tal-kejl ta' circa 282.79m.k. bl-irjihat hemm deskritti inkluz *tramuntana ma' beni li l-kompratur jiddikjara li huma ta' l-eredi ta' Antonio Portelli* […] *kif ahjar delineata bil-kulur ahmar u murija fuq il-pjanta annessa mal-att markata Dokument "B"* […] *kif ukoll it-terz (1/3) indiviz ossia d-drittijiet kollha tal-vendituri fuq il-porzjon art maghrufa wkoll bhala "Is-Sidra" fix-Xlendi* […] *tal-kejl superficjali ta' mija u hamsa u sebghin metri kwadri (175m.k.)* […] *kif ahjar delineata bil-kulur ahdar fuq l-imsemmija pjanta hawn annessa*.[26]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' April, 2021 l-atturi ddikjaraw il-provi taghhom maghluqha.[27]

**Rat** in-nota tal-atturi tal-11 ta' Gunju, 2021 li biha ezebew kuntratt tat-2 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili li biha l-eredi ta' Giuseppe sive Joseph Portelli, iben Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, ossia l-konvenuti Francis, Carmelo, John, u Joseph flimkien mal-konvenuta Maryanne sive Annie Sultana, ahwa germani Grima, u zijuhom Kristinu Portelli bieghu u trasferew a favur ta' terza persuna – B. Farrugia – *d-drittijiet taghhom kollha spettanti lilhom vendituri mil-lok tad-djar markat bin-numri seba' u tmenin u tmienja u tmenin (87 u 88), Triq tal-Ghajn Fontana Ghawdex* […] *il-fond qed jinbiegh* […] *kif suggett ghal xi servitujiet favur il-fond adjacenti u cioe' il-fond markat numru erba' u tmenin (84)*.[28]

**Rat** li bl-istess nota tal-atturi tal-11 ta' Gunju, 2021 l-atturi ezebew ukoll kuntratt ta' bejgh tat-2 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili li bih l-istess eredi ta' Giuseppe sive Joseph Portelli bieghu lill-istess kompratrici – B. Farrugia – *d-drittijiet taghhom kollha spettanti lilhom vendituri mil-lok ta' djar markat bin-numru erba' u tmenin (84), Triq tal-Ghajn Fontana Ghawdex*.[29]

---

[25] Relazzjoni a fol 631 sa 639 bi pjanti u dokumenti addizzjonali a fol 640 sa 645.
[26] Nota a fol 674, kuntratt a fol 675 sa 678, pjanta a fol 681.
[27] Verbal a fol 728.
[28] Nota a fol 729, kuntratt a fol 730 sa 737.
[29] Kuntratt a fol 748 sa 752.

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2021 il-partijiet gew akkordati terminu sabiex jipprezentaw nota konguntiva dwar l-assi li ghandhom ikunu soggetti ghad-divizjoni.[30]

**Rat** li fit-30 ta' Novembru, 2021 il-konvenut Anthony Vella pprezenta nota b'elenku ta' proprjetajiet li skontu huma in divizjoni.[31]

**Rat** li fis-7 ta' Dicembru, 2021 l-atturi pprezentaw nota b'sommarju ta trasferimenti kif ukoll b'kopji ta' dununzji li kienu gja gew minnhom ezebiti aktar kmieni f'dawn il-proceduri.[32]

**Rat** li fil-15 ta' Frar, 2022 Kristinu Portelli, l-eredi ta' Katerina Vella u l-eredi ta' Carmela Grima nee' Portelli, ilkoll konvenuti, ipprezentaw nota b'elenku ta' proprjetajiet li skonthom huma in divizjoni kif ukoll l-ishma applikabbli.[33]

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2023 il-konvenut Anthony Vella iddikjara l-provi tieghu maghluqha.[34]

**Rat** li fl-istess udjenza tad-29 ta' Marzu, 2023 il-partijiet kollha rrimettew ruhhom ghan-nota pprezentata mid-difensur ta' Kristinu Portelli, l-eredi ta' Katerina Vella, u l-eredi ta' Carmela Grima nee' Portelli, ilkoll konvenuti, dwar il-konsistenza tal-assi in divizjoni u l-kwoti rispettivi bil-kawza giet iddifferita ghan-noti tal-osservazzjonijiet finali u t-trattazzjoni finali.[35]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[36]

**Rat** it-traskrizzjoni tat-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.[37]

---

[30] Verbal a fol 753.
[31] Nota a fol 755.
[32] Nota a fol 756 b'dokumenti a fol 757 sa 783.
[33] Nota a fol 786 u 787.
[34] Verbal a fol 845 u 846.
[35] Verbal a fol 845 u 846.
[36] Nota tal-atturi a fol 847 sa 857, tal-konvenuti Anthony u Charles Bonnici a fol 858 sa 873, tal-konvenut Anthony Vella a fol 874 sa 878, tal-konvenuti Kristinu Portelli, Mary Anne Sultana, Giovanni, Francis, Joseph, u Carmelo ahwa Grima ulied u eredi ta' Carmela Grima nee' Portelli a fol 881 sa 889.
[37] Traskrizzjoni a fol 890 sa 899.

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2023 id-difensur ta' Kristinu Portelli, Mary Anne Sultana, Giovanni, Francis, Joseph, u Carmelo ahwa Grima ulied u eredi ta' Carmela Grima nee' Portelli rtira l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16.[38]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-24 ta' Novembru, 2023 il-kawza giet iddifferita ghal-lum ghas-sentenza.[39]

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**George Vella**, xehed[40] li r-raba' "Tal-Barriera" li qieghed f'idejn il-konvenuti Dolores Vella u Carmelo Portelli huwa jaf li jinsab ix-Xlendi.

Jghid li safejn jiftakar hu dan ir-raba' dejjem jafu f'idejn Dolores Vella u certu Toni Vella u kien ilu hekk jafu ghal 16-il sena. izid li fih kienu jinzammu xi papri u kien hemm ukoll xi kmamar bid-dawl u l-ilma.

Jghid li dan ir-raba' ghandu kejl ta' madwar tomna.

Izid li huwa ma' jigi xejn mill-konvenuti Vella ghajr li ghandu hbiberija maghhom.

**George Gatt**, xehed[41] li ir-raba' maghruf "Tal-Barrieri" li hemm fix-Xlendi huwa jaf fejnhu.

Jghid li hu kien ilu ghaxar snin jinzel fih jghin lill certu Toni Vella.

Izid li dan ir-raba' il-familja ta' Toni biss kienet tuzah. Jghid li fih kellhom it-tajr u kienu juzawh ukoll ghall-agrikoltura.

[38] Verbal a fol 900.
[39] Verbal a fol 900.
[40] Traskrizzjoni a fol 95 sa 97.
[41] Traskrizzjoni a fol 98 u 99.

**Doris Attard** xehdet[42] li r-raba' "Tal-Barrieri" taf fejn'hu u gieli marret fih mal-familja Vella. Izzid li kien gja ilha 'l fuq minn 30 sena tmur fih.

Tghid li fil-bidu tiftakar lill missier il-konvenuta f'dan ir-raba' u wara bdiet tara lill uliedu u wara dan lill-ulied uliedu.

Tghid li oltre lill-familja Portelli u wara lill dik Vella qatt ma' rat lill hadd f'dan ir-raba'.

Tghid li f'dan ir-raba' jitkabbru prodotti agrikoli u jinzamm xi tajr.

**In kontro-ezami** xehdet[43] li ma' tafx ezatt kemm ilu mejjet missier Doris Vella. Izzid li taf li kien kunjomu Portelli. Tghid li tahseb li kien gja ilu mejjet xi 18-il sena.

Tghid li f'dan ir-raba' hija gieli marret ma' missier Doris Vella, li kien Portelli.

**Ir-Reverendu Godfrey Zarb** xehed[44] li ghal-skopijiet ta' ligi m'hemm ebda differenza bejn patri li huwa sacerdot u iehor li m'huwiex u li huwa ghalhekk fratell.

Jghid li meta xi hadd jidhol fl-ordni bhala patri dan jirrinucja ghal kull dritt ta' wirt.

Jghid li l-qraba jistghu jinsistu li jhallu xi haga lill xi hadd li huwa patri kemm sacerdot jew patri fratell b'dak li jiret izda jmur ghall-ordni sakemm ma' johrogx mill-ordni.

Izid li ghalhekk, effettivament, kemm patri sacerdot kif ukoll patri fratell qatt ma' jista jiret.

Jghid li safejn jaf hu Fra Frangisk Portelli miet bhala fratell u allura qatt ma' setgha wiret xejn.

---

[42] Traskrizzjoni a fol 100 u 101.
[43] Traskrizzjoni a fol 101 sa 103.
[44] Traskrizzjoni a fol 543a sa 543d.

**Perit Gordon Vella**, perit tekniku, xehed[45] li f'seduta mizmuma minnu l-partijiet indikaw numru ta' proprjetajiet li kellu jikkunsidra bhala parti minn din il-kawza. Izid li ghalhekk appunta data sabiex izomm access.

Jghid li sar l-access u bdew iduru l-proprjetajiet minn proprjeta' f'Ta' Sannat.

Jghid li hawn il-partijiet sostnew li din kienet maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu wara l-bini. Jghid li sabeix wiehed jaccedi ghal dawn iz-zewg porzjonijiet art wiehed irid jghaddi minn go post mibni. Izid li habbtu u stennew izda ma' fetah hadd.

Jghid li jekk tali zewg porzjonijiet raba' humiex accessibbli minn band'ohra mhux rilevanti stante li ghal skop ta' valutazzjoni u thejjija ta' pjanta jrid jaccedi minn fejn suppost.

Jghid li giet lilu ndikata ghalqa ohra fir-Rabat, Ghawdex wara s-sur. Izid li din hija okkupata minn xi hadd. Jghid li l-partijiet ma' setghux jindikawlu l-estent proprja ta' din l-ghalqa.

Jghid li marru wkoll it-Triq tal-Ghajn. Izid li hawn il-partijiet semmew zewg postijiet b'numri precizi. Izid li ma' setghux izda jsibu l-istess numri. Jghid li n-numri tal-bibien moghtija mill-partijiet ma' jezistux fi Triq tal-Ghajn. Izid li l-partijiet anqas setghu jindikawlu fizikament liem'huma tali zewg positijiet, ghalkemm bdew jghidu fejn jahsbu li huma.

Jghid li marru wkoll f'ghalqa ix-Xlendi. Jghid li hawn wiehed mill-partijiet provdilu pjanta li kienet thejjiet mil-Perit Salvu Micallef u turi l-kejl superficjali. Jghid li l-kejl muri fuq il-pjanta qabel ma' dak li identifikaw il-partijiet bhala taghhom – 3 sieghan / 764m.k. – ghalkemm din l-ghalqa m'ghandix konfini fissi.

Jghid li dwar din l-ghalqa sab li porzjon minnha – madwar 20% - giet registratat f'isem il-Gvern bhala triq bil-pjanta provduta lilu ghandha ghalhekk tigi korretta.

[45] Traskrizzjoni a fol 577 sa 580.

Jghid li sabiex huwa jkun jista jkompli bl-inkarigu tieghu l-partijiet iridu jaccertaw ruhhom minn dak li jqiesu bhala taghhom.

**Anthony Pisani** xehed[46] li huwa ghandu proprjeta' tmiss ma' Triq Sannat, Ta' Sannat.

Jaqbel li hemm passagg u li huwa ghalaq l-istess b'kancell.

Mistoqsi ghalfejn mhux qed ihalli lis-sidien tal-ghalqa li tigi wara l-bini tieghu jaccedu l-istess ghalqa jghid li ghax il-passagg huwa tieghu.

Mistoqsi jekk qattx ittiehdu proceduri l-Qorti dwar dan jghid li kien hemm proceduri bil-pulizija. Jghid li l-kawza rebaghha hu. Dwar kawzi civili jghid li ma' jafx li qatt kien hemm.

Jghid li l-kawza tal-pulizija nbdiet fuq kwerela ta' wiehed mil-konvenuti.

Jghid li l-passagg inghalaq minnu wara li xtara hu. Izid li huwa xtara raba'. Jghid li dan kien madwar 25 sena qabel.

Jobbliga ruhu li jezebixxi kopja tal-kuntratt tal-akkwist tieghu kif ukoll tal-pjanta annessa mieghu.

Jinsisti li l-passagg huwa tieghu u jzid li huwa ma' jafx mnejn ghandhom jaghddu l-partijiet f'din il-kawza sabiex jaccedu ghar-raba' taghhom li tigi wara l-bini tieghu.

Jaqbel li r-raba' tal-partijiet ma' tmissx mat-triq. Izid izda li l-istess tinharat b'dan li allura minn x'imkien qed jidhlu zgur.

Jghid li huwa m'ghandu ebda oggezzjoni sabiex jaghti access lill-perit tal-Qorti sabiex ikejjel ir-raba' tal-partijiet.

Jghid li hu hemmhekk ghandu spizerija b'dan izda li mnejn jidhlu l-partijiet ghar-raba' taghhom ma' jafx ghax qatt ma' ra lill hadd diehel. Jaqbel allura li r-raba' tal-partijiet jaraha mahruta pero' qatt ma' ra lill hadd jaccedi fiha, jew minn fejn jaccedi fiha.

[46] Traskrizzjoni a fol 591 sa 603.

Mistoqsi kif halla passagg ladarba xtara raba' li zviluppa hu stess jghid li ghax hekk rid jaghmel.

**Malcolm Scerri**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet, xehed[47] li huwa ntalab jixhed dwar liema artijiet madwar dik indikata bl-ahmar f'*site plan* a fol 699 huma rregistrati f'isem il-Gvern ta' Malta.

Jghid li mir-ricerka maghmulha minnu sab li l-unika porzjon art registrata f'isem il-Gvern hija dik indikata bl-ahdar fuq l-istess *site plan* a fol 699. Izid li l-indikazzjoni bil-kulur ahdar saret mid-dipartiment legali tal-Awtorita'.

Jghid li l-kitba bil-pinna fuq il-pjanta a fol 699 saret mill-manager tas-sezzjoni tar-records, Ronald Falzon.

Izid li huwa ghamel ricerka ulterjuri u wasal ghal-konkluzjoni li tali registrazzjoni f'isem il-Gvern saret erronjament.

Jghid li fil-fatt diga bdew proceduri sabiex jaghmlu l-korrezzjoni opportuna.

Jghid li hu ma' gabx informazzjoni dwar minn oltre l-Gvern ghandu xi artijiet registrati madwar dik indikata bl-ahmar fuq is-*site plan* a fol 699.

**In kontro-ezami**, xehed[48] li l-korezzjoni li mexxew huma ma' saret fuq talba ta' hadd izda b'rizultat tar-ricerka tieghu li ghamel meta rcieva t-tahrika sabiex jixhed.

**Xehed ulterjorment**[49] billi ezebixxa pjanta li turi s-sitwazzjoni wara proceduri ta' korrezzjoni li bdiet l-Awtorita' b'rizultat tar-ricerka tieghu.[50]

Izid li l-proprjeta' irregistrata f'isem il-Gvern hija mhazza fuq l-istess pjanta bil-kuluri ahmar u kannella. Jiccara li kull fejn hu delinjat bl-

[47] Traskrizzjoni a fol 691 sa 697.
[48] Traskrizzjoni a fol 697.
[49] Traskrizzjoni a fol 701 sa 708.
[50] Pjanta a fol 714.

ahmar huwa registrat b'tal Gvern huwa mhazzez ahmar jew kannella mentri fejn ghadu abjad huwa tal-privat.

Jghid li fuq l-istess pjanta immarka artijet ohra li huma rregistrati f'isem il-privat.

Jghid li fejn hazzez bl-ahdar, isfar, blu kif ukoll ahdar u blu huwa tal-privat.

Jghid li ghal aktar approfondiment ghandha tintalab informazzjoni mir-Registru tal-Artijiet.

Jghid li fejn immarka bl-ahdar fuq il-pjanta hemmhekk illum mibni appartamenti. Izid li hemm kien ta' Dr. V. Bajada u s-socjeta' *Irving and Company Limited* li fuqhom saret l-ewwel registrazzjoni b'dan li mbaghad kien hemm *sub-division*.

Jezebixxi dokumenti ulterjuri relattivi ghall-art mhazza bl-ahmar,[51] dik imhazza bil-kannella,[52] u dik mhazza bl-ahdar.[53]

**L-Avv. Dr. Rosemarie Farrugia**, in rapprezentanza tal-Ordni tal-Karmelitani ta' Malta, xehdet[54] li dwar il-porzjon art maghrufa *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi hija sabet pjanta li tinkorpora varji porzjonijiet inkluz dak numru 13 li parti minnha giet mibjugha u parti ohra giet imqabbla lill Anthony Vella fil-31 ta' Jannar, 1985.

Tezebixxi kopja tal-pjanta.[55]

Izzid li sabet ukoll elenku tal-qbiela mhallsa mill-1963 sal-1996 kif ukoll kopja tal-ftehim tal-qbiela bejn il-Patrijiet Karmelitani u Anthony Vella. Tezebixxi kopja taghhom.[56]

---

[51] A fol 715 u 716.
[52] A fol 717.
[53] A fol 718 sa 721.
[54] Traskrizzjoni a fol 835 u 836.
[55] Pjanta a fol 839.
[56] Elenku a fol 840 u 841, ftehim ta' qbiela a fol 842 – minghajr pjanta.

**In kontro-ezami**, xehdet[57] li parti mil-porzjon numru 13 inbieghet mentri parti ohra tqabblet. Tghid li l-parti li nbieghet nbieghet lill certa Giorgia Portelli.

**In kontro-ezami ulterjuri** xehdet[58] li l-proprjeta' li qed tixhed fuqha m'ghaddietx ghand il-Gvern izda ghadha ghand il-Karmelitani kif jidher mid-dokument minnha ezebit fejn hemm miktub *"not on Annex 8"*.[59] Izzid li fil-fatt il-Karmelitani ghadhom jigbru l-qbiela sal-lum.

**Il-Qorti rat ukoll** ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca datata t-12 ta' Ottubru, 2007.[60]

F'din l-istess, il-perit legali, wara li ghamel l-osservazzjonijiet preliminari tieghu, ta riassunt tas-seduti mizmuma minnu u x-xhieda mismugha minnu, iddikjara li nzamm access, u ta' rendikont tad-dokument ezebiti quddiemu;[61] ghamel diversi kunsiderazzjonijiet[62] sa ma' wasal ghal-konkluzjonijiet tieghu[63] fejn irretjena li:

i. Il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili la tirrekjedi titolu tajjeb u anqas il-buona fede, kemm jekk titqanqal f'sens akkwizittiv jew f'sens estintiv hekk kif imqanqal f'din l-istanza.[64] Hawn kompla billi ghamel analizi tat-tlett xhieda li nstemghu quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta dwar il-pussess tar-raba' maghruf bhala *"Tal-Barriera"* u sitwat fix-Xlendi ossia: Gorg Vella, George Gatt, u Doris mart Joseph Attard. Zid li kkunsidra wkoll ix-xhieda moghtija quddiemhu mill-attrici Giuseppa Portelli.

   Wara dan, ikkonkluda li pussess separat ta' gid partikolari formanti parti mill-assjem tal-assi ereditarji jista jaghti lok ghal-preskrizzjoni akkwizittiva, pjuttost milli dik estinsiva.

---

[57] Traskrizzjoni a fol 836 u 837.
[58] Traskrizzjoni a fol 837 u 838.
[59] Ref. elenku tal-qbiela, pagna a fol 840.
[60] Relazzjoni a fol 168 sa 179.
[61] Ref. pagni tar-relazzjoni a fol 169 sa 173.
[62] Ref. pagni tar-relazzjoni a fol 174 sa 176.
[63] Ref. pagni tar-relazzjoni a fol 176 sa 179.
[64] Ref. ***Grazia Mamo vs Carmelo Vella***, Prim'Awla, 01.02.1951, XXXV.ii.341; ***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella***, Appell, 13.03.1953, XXXVII.i.105; ***Tommaso Sammut vs Carmela Farrugia***, Prim'Awla, 19.10.1954, XXXVIII.ii.583; ***Carmelo Azzopardi vs Paul Farrugia***, Appell, 23.11.1962, XLVI.i.381; ***Antonio Micallef Decaro noe vs Giuseppe Gatt et***, Appell, 18.01.1974, mhux ippubblikata.

Izid li l-provi mressqa dwar il-pussess jirrigwardaw il-preskrizzjoni akkwisittiva mhux dik estensiva mqanqla mill-konvenuti jew minn minnhom.

Izid ukoll li fil-kaz odjern kwalsiasi preskrizzjoni giet kjarament interrotta bl-ittra gudizzjajra tal-11 ta' Dicembru, 1969. Jghid li anke jekk mhux il-werrieta kollha gew notifikati b'din l-ittra huwa risaput li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' werriet wiehed ikollha effett kontra l-ko-werrieta kollha in forza tal-principji tal-indivizibilita' ta' bejniethom.[65]

ii. Dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji jghid li dawn huma formanti mis-swgeneti proprjetajiet:

- Assi ereditarji ta' Luigi sive Louis Portelli:
    a) Porzjon raba' ta' kejltejn u nofs imsejjha *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi, Ghawdex.

- Assi ereditarji tal-konjugi Carmelo u Carmela Portelli li huma in divizjoni:

    a) Porzjon raba' ta' 4 sighan imsejjha *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi, Ghawdex;

    b) Porzjon raba' ta' sighan imsejjah *"Ta'* Wara s-Sur" accessibbli minn sqaq jizbokka fi Triq ta' Wara s-Sur, ir-Rabat, Ghawdex, u okkupat mill-familja Portelli;

    c) Porzjon raba' ta' sighan imsejjah *"Ta' Sannat"* fis-Sannat, Ghawdex li huwa maqsum f'zewg bicciet, wahda tal-kejl ta' circa siegh u ohra tal-kejl ta' circa siegh iehor bl-ahhar porzjon tmiss ma' bini;

Dwar il-fond numru 84, Triq tal-Ghajn, il-Fontana, Ghawdex, jghid li dan gie mholli b'titolu ta' prelegat mid-decujus Carmelo Portelli lill ibnu Giuseppe Portelli – missier il-konvenut Kristinu Portelli u nannu tal-konvenuti l-ohra Annie Sultana, Giovanni Grima, Joseph

[65] Ref. ***Maria Concetta Demarco et vs Giorgio Zammit***, Appell (Kummercjali), 11.06.1943, XXXI.i.641.

Grima, Carmel Grima, u Francis Grima – permezz tat-testment tieghu tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea.

Izid li Giuseppe Portelli kien sussegwentement, u wara li gie mmiss fil-pusses ta' dan il-fond b'kuntratt fejn xtara wkoll zewg fondi ohra numri 87 u 88 fl-istess Triq tal-Ghajn,[66] ikkonceda l-istess b'titolu ta' cens temporanju lill George Portelli, zewg l-attrici Giuseppa Portelli,[67] liema titolu gie wara konvertit f'wiehed ta' kera. Aktar tard il-fondijiet numri 84, 87, u 88 inbieghu lill terzi mis-successuri ta' Giuseppe Portelli.[68]

Jghid li t-trasferiment tal-fond numru 84 ma' giex kontradett mill-partijiet l-ohra b'dan li ghalhekk il-fond numru 84, Triq tal-Ghajn, il-Fontana, qatt ma' kien jifforma parti mill-assi ereditarji in divizjoni.

**Rat ukoll** ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Gordon Vella, tal-11 ta' April, 2018.[69]

F'din l-istess, il-perit tekniku, wara li ta rendikont ta' seduta mizmuma minnu nhar is-26 ta' Marzu, 2014, ghal liema kienu prezenti diversi mill-konvenuti kif ukoll l-atturi kif debitament rapprezentati mid-difensuri legali taghhom, ta wkoll rendikont ta' access li zamm nhar l-10 ta' April, 2014 u prosegwa billi rrelata li fl-access huwa gew lilu ndikati s-segwenti proprjetajiet:

*F'Ta' Sannat:*

Zewg ghelieqi li jinsabu wara l-bini bl-access ghalihom huwa minn moghdija magenb u taht post jismu *"Anemone"* li jigi faccata tal-grada ta' l-iskola kif ukoll minn moghdija magenb *"Pisani Pharmacy"* fl-istess triq.

*Fir-Rabat, Ghawdex:*

[66] Kuntratt ta' immissjoni fil-pussess u akkwist tas-7 ta' Settembru, 1940 in atti Nutar Antonio Galea ezebit a fol 556 sa 573.
[67] Kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika tal-31 ta' Lulju, 1955 in atti Nutar Fancesco Refalo a fol; 574 u 575.
[68] Kuntratt ta' bejgh a fol 730 *et seq* u iehor a fol 748 *et seq*.
[69] Relazzjoni a fol 631 sa 639 bi pjanti u dokumenti addizzjonali a fol 640 sa 645.

Għalqa accessibbli minn sqaq fiż-żona ta' Wara s-Sur li kienet maħduma. Jiddikjara li l-partijiet ma' setgħux jindikaw minn min kienet qed tinħadem u anqas l-estent preċiż tagħha.

*Fil-Fontana:*

Jgħid li l-partijiet ippruvaw jidentifikaw żewġ proprjetajiet fi sqaq fi Triq Fontana; mezzanine bin-numru 70 kif ukoll dar bin-numru 67. Jiddikjara li n-numru 70 ma' nstabx iżda nstab bieb konvertit f'tieqa maġenb bieb immarkat numru 71. Iżid li n-numru 67 ma' nstabx.

Jiddikjara li l-partijiet ma' setgħux għalhekk jindikaw il-proprjeta' b'mod definittiv.

*Fix-Xlendi:*

Sit li l-partijiet irreferew għalih bħala "il-barriera" li huwa accessibbli minn Triq l-Għar ta' Karolina. Jgħid li l-partijiet ma' setgħux jidentifikaw il-konfini preċiżi tas-sit, għajr għal-ħajt ta' appoġġ ma' bini fuq in-Nofsinhar.

Iżid li l-konvenut Anthony Vella preżenta pjanta ffirmata mil-Perit Saviour Micallef li skontu turi l-konfini ta' din il-proprjeta'.

Jirrelata dwar aċċessi ulterjuri li żamm fit-13 ta' Ottubru, 2015, 16 ta' Ġunju, 2017, 24 ta' Jannar, 2018, u 3 ta' April, 2018 fejn irrelata li:

i. Dwar il-proprjeta' fix-Xlendi, jgħid li d-difensur tal-atturi irrilevat li skont il-klijenti tagħha l-barriera tibda mill-bini fuq in-Nofsinhar u testendi kif qabel indikat lilu, perit tekniku, fejn anke saru xi marki f'kull kantuniera. Jagħti deskrizzjoni tal-konfini kif irriżultaw minn tali eżerċizzju.

   Iżid li d-difensur tal-konvenut Anthony Vella rrilevat li skont il-kuntratt tal-1923 li bih ġiet akkwistata l-barriera din kellha kejl superfiċjali ta' 4 mondelli bl-irjiħat huma wkoll indikati fil-kuntratt. Żiedet li dak li jirriżulta minn tali kuntratt ma' jirrispekjax dak li qed jgħidu l-atturi. Żiedet ukoll li l-konfini ta' din l-art

ghandhom ikunu skont il-pjanta tal-Perit Saviour Micallef datata l-4 ta' April, 2014.

Izid li huwa, perit tekniku, hejja *survey* ta' din l-art u produca wkoll pjanta li ehmez mar-relazzjoni tieghu bhala "Dok GV6".

ii. Dwar il-proprjeta' f'Ta' Sannat li tikkonsisti f'zewg porzjonijiet art wara bini fi Triq ta' Sannat, jghid li huwa, perit tekniku, setgha jhejji *survey* taghhom skont dak lilu ndikat fuq il-post dakinhar li acceda fih. Izid li hejja wkoll zewg pjanti li jannetti mar-relazzjoni tieghu bhala "dok GV1" u "Dok GV4".

Ikompli jirrelata li mill-accessi mizmuma fil-prezenza tal-partijiet huwa identifika tlett proprjetajiet:

1. Bicca raba' f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' 390m.k.;
2. Bicca raba' ohra wkoll f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' 248m.k., u;
3. Blat/raba' fiz-zona qrib Triq l-Ghar ta' Karolina.

Izid li kif gja spjegat il-proprjeta' fil-Fontana u dik ta' wara s-sur, fir-Rabat, Ghawdex ghalkemm elenkati mill-atturi ma' setghux jigu identifikati mill-partijiet fuq il-post.

Dwar il:

1. bicca raba' f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' 390m.k. li hija accessibbli minn passagg imsaqqaf u hija diviza minn ohra b'linja approssimativa stante li l-qsami bejniethom huma nfrekwenti:

   Ihejji pjanta ta' din ir-raba li jehmez bhala "Dok GV1"[70] u jannetti wkoll tlett ritratti taghha bhala "Dok GV2"[71] u "Dok GV3".[72]

[70] A fol 640.
[71] A fol 641.
[72] A fol 642.

Izid li parti sostanzjali ta' din l-art tinsab f'zona tal-izvilupp skont il-Pjan Lokali pero' ghandu jkun ukoll ikkunsidrat il-fatt li din l-art m'ghandix faccata ghat-triq.

Jistma ghalhekk din l-art fil-valur ta' €110,000.

2. bicca raba' ohra wkoll f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' 248m.k. li hija accessibbli minn passagg minn fuq ghelieqi ohra u hija diviza minn ghelieqi ohrajn fuq it-Tramuntana u n-Nofsinhar b'linji approssimativi stante li l-qsami tal-gebel huma wkoll infrekwenti:

   Ihejji pjanta li jehmez bhala "Dok GV4"[73] u jehmez ukoll ritratt bhala "Dok GV5".[74]

   Izid li din l-art tinsab barra miz-zona tal-izvilupp bl-access ghalija huwa wiehed relattivament twil.

   Jistma ghalhekk l-istess art fil-valur ta' €1,100.

3. art maghrufa bhala "tal-barriera" fix-Xlendi li hija accessibbli minn Triq l-Ghar ta' Karolina:

   Jikkonkludi li m'hemmx qbiel bejn il-partijiet dwar il-konfini ta' din l-istess medda ta' art. Izid li filwaqt li d-difensur tal-konvenut Anthony Vella tinsisti li dawn ghandhom ikunu skont il-pjanta tal-Perit Saviour Micallef tal-4 ta' April, 2014; l-atturi ndikaw konfini diversi meta kienu fuq il-post, b'tali konfini jwasslu ghal-kejl superficjali differenti minn dak indikat fuq il-pjanta sottomessa minn Anthony Vella, ossia kejl ta' 977m.k versus dak indikat fuq il-pjanta ta' 764m.k.

   Jehmez superimpozizzjoni tal-konfini kif indikati mill-atturi fuq il-pjanta ezebita mill-konvenut Anthony Vella bhala "Dok GV6".[75]

   Izid li minhabba f'din id-divergenza, ma' setghax jistabilixxi definittivament il-konfini ta' din il-proprjeta' u, ghaldaqstant; ma' setghax jaghmel valutazzjoni taghha.

[73] A fol 643.
[74] A fol 644.
[75] A fol 645.

**In eskussjoni**, xehed[76] li mill-accessi li zamm fix-Xlendi irrizultalu li s-sit tax-Xlendi jintuza bhala barriera. Jghid li dan jirrizulta mis-sisien maqtughin dritti. Izid li rrizulta wkoll li dan is-sit ilu zmien ma' jintuza bhala barriera tant li hemm partijiet minnu li llum fihom il-hamrija u jidhru li qed jintuzaw bhala raba'.

Mistoqsi x'jaf dwar kuntratt li bih Anthony Vella jghid li kien akkwista parti minn din l-art direttament minghand terzi jghid li dak li jista jghid hu li waqt l-access Anthony Vella pprezenta pjanta izda lilu ma' prezentalux kuntratt.

Jghid li dwar dan is-sit huwa ra wkoll registrazzjonijiet varji fil-madwar sabiex ikun jista jeskludi dak li huwa ta' terzi u jasal ghal-arja superficjali ta' dak li huwa tal-partijiet. Izid izda li ma kien hemm ebda registrazzjoni fuq it-Tramuntana  b'dik in-naha baqghat allura mhux identifikabbli.

Jobbliga ruhu li jezebixxi pjanta li fuqa jindika il-porzjonijiet registrati ta' artijiet madwar dik tal-partijiet u f'isem minn huma hekk registrati.

Riferut ghal-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo li bih Antonio Portelli flimkien ma' ommu Carmela Portelli nee' Farrugia akkwistaw 4 mundelli f' "*tal-Barriera*", ix-Xlendi, jghid li dan issemma waqt l-access tieghu izda qatt ma' gie muri lilu.

Jghid li l-inkarigu tieghu kien li jhejji pjanti tal-proprjetajiet in divizjoni bi stima tal-istess u pjan ta' qasma jekk ikun il-kaz. Izid li huwa ma' kienx inkarigat jidentifika fejn'hi l-art tal-partijiet. Jghid li hu kemm il-darba stieden lill-partijiet iressqu provi taghhom dwar dan.

Jghid li fuq iz-zewg porzjonijiet art f'Ta' Sannat hemm qbiel bejn il-partijiet dwar il-konfini taghhom izda fuq din tax-Xlendi m'hemmx. Izid li ghalhekk huwa hejja pjanta fejn wera z-zewg pozizzjonijiet bhala superimpozizzjoni.

[76] Traskrizzjoni a fol 666 sa 671.

**In eskussjoni ulterjuri**, maghmulha b'mod miktub ghal-domandi mill-atturi, xehed[77] li dwar il-barriera li tinsab ix-Xlendi huwa kkunsidra l-informazzjoni moghtija lilu mill-partijiet waqt l-accessi.

Jispjega li dwar l-istess barriera f'verbal ta' seduta d-difensur tal-atturi tkellmet dwar kejl superficjali ta' 749m.k. Izid li waqt l-access l-istess indikat estent li lahhaq kejl superficjali akbar.

Izid li l-istess atturi tkellmu dwar meta nxtrat il-barriera fl-1923.

Jghid li ai termini tal-istess kuntratt tal-1923 id-difensur tal-konvenut Anthony Vella ndikat li b'tali kuntratt gew akkwistati 4 mondelli, b'irjihat precizi.

Jghid li huwa ma' giex muri tali kuntratt.

Izid li huwa ma' kienx inkarigat jiddelinja liema partijiet mis-sit kienu specifikatament barriera. Jghid li l-inkarigu tieghu kien sabiex ikejjel l-art identifikata mill-partijiet u jaghti valutazzjoni taghha.

Izid li fil-kaz tal-art fix-Xlendi dan ma' setghax jaghmlu ghaliex ma' kienx hemm qbiel bejn il-partijiet dwar l-estent tal-art.

Jghid li ma' jafx x'kien qieghed jallega Anthony Vella meta fil-mistqosijiet maghmulha lilu perit tekniku bil-miktub staqsa dwar il-pussess tieghu bhala werriet kif ukoll dwar il-kuntratt ta' akkwist tieghu stante li tali punti ma' tqajjmux waqt l-accessi mizmuma minnu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza, l-atturi originali, ossia Pawla Mercieca flimkien ma' Giuseppa Portelli u uliedha Carmelo Portelli, George Portelli, Joseph Portelli, Antonia Vella, Eucharist Portelli, Vincent Portelli, u Mary Portelli wara li ppremettew li fit-12 ta' Lulju, 1940 miet Carmelo Portelli, armel ta' Carmela Portelli nee' Farrugia, in-nannu tar-ragel tal-attrici

[77] Domandi u risposti miktuba a fol 672 u 673.

Giuseppa Portelli, ossia George Portelli, u ta' l-attrici Pawla Mercieca, premettew ukoll li mart l-istess Carmelo Portelli, Carmela Portelli nee' Farrugia mietet qablu, fil-11 ta' Mejju, 1924 mentri bin Carmelo u Carmela konjugi Portelli, Luigi sive Louis Portelli, miet fit-22 ta' Ottubru, 1968; premettew ukoll li dawn il-mibkija lkoll iddisponew mill-assi ereditarji taghhom b'diversi testmenti li hallew lill-partijiet kontendenti fi stat ta' komproprjeta' li huma ma' jixtiequx jibqghu fiha.

L-atturi talbu ghalhekk il-likwidazzjoni tal-akkwisti diga ezistenti bejn il-konjugi Carmelo u Carmela Portelli, id-divizjoni tal-istess f'zewg porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati wahda lill-assi prtikolari tal-mejjet Carmelo Portelli u l-ohra lill dawk tal-mejta Carmela Portelli b'dikjarazzjoni dwar dan.

Talbu ulterjorment id-divizjoni tal-assi partikolari tal-mejtin Carmelo u Carmela Portelli f'sitt porzjonijiet ugwali bl-assenjazzjoni tal-istess lill-[i] wirt tal-mejjet Luigi Portelli; [ii] lill-eredi tal-mejjet Carmelo Portelli cioe' il-konvenuti Carmela Saliba, Emanuela Bonnici, u Maria Assunta Cordina kif ukoll l-atturi Pawla Mercieca u ulied George Portelli; [iii] lill-eredi tal-mejjet Antonio Portelli; [iv] lill-eredi tal-mejjet George Portelli; [v] lill-eredi tal-mejjet Joseph Portelli, u; [vi] lill-konvenuta Catherine armla ta' Felic Vella.

Talbu ulterjorment il-likwidazzjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-mejtin Luigi u Rosa konjugi Portelli b'din tigi diviza f'zewg porzjonijiet u assenjata wahda lill wirt ta' kull wiehed minnhom bil-porzjon ta' Luigi Portelli tigi diviza f'hames porzjonijiet ugwali u assenjata [i] lill-eredi tal-mejjet Carmelo Portelli; [ii] lill-eredi tal-mejjet Antonio Portelli; [iii] lill-eredi tal-mejjet George Portelli; [iv] lill-eredi tal-mejjet Joseph Portelli, u; [v] lill-konvenuta Catherine armla ta' Felic Vella.

B'dan li jigi nominat nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni relattiv.

Mill-konvenuti originali, ossia Carmela Saliba, Emmanuela Bonnici, Maria Assunta Cordina, Antonia Saliba, Carmela Grima, Lawrence Portelli, Giuseppa Cassar, George Portelli, Pawla Schembri, Maria Grech, Maria Vella, Dolora Vella, Carmelo Portelli, Catherine Vella, Francis Grima, Kristinu Portelli, Maryanne sive Annie Sultana, Giovanni sive

John Grima, Joseph Grima, u Carmelo Grima, ghat talbiet atturi rrispondew biss Maria Assunta Cordina, Dolora Vella, Emmanuela Bonnici, u – flimkien – Kristinu Portelli flimkien man-neputijiet tieghu Maryanne sive Annie Sultana, Giovanni sive John Grima, Joseph Grima, Carmelo Grima, u Francis Grima.

Fost l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti li ntavolaw risposta, dawk numri wiehed, tnejn, tlieta, u erbgha mressqa mill-konvneuta Maria Assunta Cordina gew irtirati minnha bil-verbal tal-1 ta' Gunju, 1993[78] wara li l-istess gew indirizzati u sorvolati mill-atturi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 1993.[79]

Giet ukoll irtirata l-ewwel eccezzjoni – tal-preskrizjzoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 – tal-konvenuti Kristinu Portelli u n-neputijiet tieghu u dan in forza tal-verbal tal-24 ta' Novembru, 2023.[80]

L-eccezzjonijiet rimanenti u li allura ser jigu ndirizzati f'din id-decizjoni huma lkoll li ebda konvenut/a li ntavolaw risposta ma' joggezzjonaw ghad-divizjoni mitluba mill-atturi purche jigu verifikati l-konsistenza tal-assi in divizjoni kif ukoll il-kwoti rispettivi ta' kull parti.

Jibqa wkoll il-fatt li minkejja l-irtirar tal-eccezjzoni dwar il-preskrizzjoni da parti tal-konvenuti Kristinu Portelli u n-neputijiet tieghu, din l-istess eccezzjoni tqajmet ukoll mill-konvenuta Dolora Vella u baqghet ma' gietx irtirata la minnha u anqas mill-aventi kawza taghha, binha Anthony Vella.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, din il-Qorti sejra tikkunsidra kif il-mejtin Carmelo u Carmela konjugi Portelli kif ukoll binhom, Luigi sive Louis Portelli, li l-assi apperteneti lilhom huma suggetti ghal din l-istanza, iddisponew mill-wirt taghhom.

[78] Verbal a fol 104.
[79] *Ibid*.
[80] Verbal a fol 900.

***Dwar id-dispozizzjoni tal-wirt tad-defunti konjugi Carmelo u Carmela Portelli:***

Dwar id-dispozizzjoni tal-wirt tad-defunti konjugi Carmelo u Carmela Portelli, din il-Qorti ghandha a dispozizzjoni taghha kemm it-testmenti maghmulha minnhom kif ukoll id-denunzji[81] maghmulha wara l-ippublikar tal-istess. Ghandha wkoll ir-ricerki relattivi.[82]

Mir-ricerki relattivi jirrizulta li l-ahhar testment tad-defunta Carmela Portelli kien dak tad-19 ta' Dicembru, 1922 in atti Nutar Francesco Refalo maghmul *unica charta* flimkien ma' zewgha Carmelo Portelli.[83]

Fir-rigward ta' Carmelo Portelli jirrizulta li dan ghamel tlett testmenti, dak *unica charta* flimkien ma' martu Carmela Portelli tad-19 ta' Dicembru, 1922 in atti Nutar Francesco Refalo, u dawk maghmulha minnu wahdu wara l-mewt ta' martu fit-28 ta' Gunju, 1934 in atti Nutar Giuseppe Grech u fis-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea.[84]

Minn dawn it-testmenti jirrizulta ampjament kif il-konjugi Carmelo u Carmela Portelli ddisponew mill-wrirt taghhom u dan mill-artikoli rilevanti tal-istess kif isegwi:

***Testment unica charta tal-konjugi Carmelo u Carmela Portelli datat 19 ta' Dicembru, 1922 in atti Nutar Francesco Refalo:***[85]

B'dan it-testment, il-konjugi Portelli ddisponew hekk:

> *Carmelo Portelli carrettonaio figlio del fu Antonio nato e residente nei limiti della Citta' Vittoria al Gozo e Carmela sua moglie figlia del fu Luigi Farrugia nata e residente nei limiti di Citta' Vittoria al Gozo;*
> […]
> *Ordinano e dispongono quanto segue:*
> […]
> *Gli stessi testatori conjugi Portelli* […] *in facolta di legato reciproco in perpetuo* […] *Carmelo Portelli lascia alla sua consorte Carmela* […] *tutte*

[81] Denunzji Carmelo Portelli a fol 461 sa 464 u ghal darb'ohra a fol 764 sa 767. Denunzji Carmela Portelli a fol 465 u 466 u ghal darb'ohra a fol 767 u 768.
[82] Ricerki Carmelo Portelli a fol 235 sa 321. Ricerki Carmela Portelli a fol 322 sa 395.
[83] Ref.: pagna tar-ricerki a fol 323.
[84] Ref.: pagna tar-ricerki a fol 236 u kopji tan-noti ta' insinwa relattivi a fol 307, 320, u 321.
[85] Testment a fol 28 u 29.

*le cose mobile, mobiglia, animali* […] *oggetti d'oro e d'argento, denaro e titoli che rappresentano denaro compresi i libretti rappresentanti denaro che si troveranno* […] *nella loro casa d'abitazione all'epoca della morte del conjuge predefunto testatore.*

***Testment ta' Carmelo Portelli, armel ta' Carmela nee' Farrugia, tat-28 ta' Gunju, 1934 in atti Nutar Giuseppe Grech:***[86]

B'dan it-testment Carmelo Portelli ddispona hekk:

*Carmelo Portelli, gia carrettonajo, figlio del fu Antonio, nato e residente alla Gran Fontana nei limiti di Citta' Vittoria* […] *e divenuto al presente suo pubblico testamento in aggunta a quello da lui fatto assieme alla defunta sua moglia Carmela Portelli in atto del Notaro Francesco Refalo* […] *in virtu del presente ordina e dispone quanto segue:*

*- Articolo Unico –*

*In virtu del presente testamento il suddetto testatore Carmelo Portelli lascia in titolo di legato a suo figlio Giuseppe Portelli, impiegato col Governo Civile, nato all Vittoria, Gozo,* […] *un luogo di case sito alla Gran Fontana nei limiti di Citta' Vittoria, Strada Gran Fontana, al numero ottantaquattro, franco e libero da ogni peso, gravante e servitu', con tutti i suoi jus e pertinenze.*
[…]
*Si dichiara per ogni buon fini che il detto testatore Carmelo Portelli si e addivenuto alla costituzione del presente legato a favor di detto suo figlio Giuseppe Portelli in compenso e pagamento di una somma di denaro ammontante a lire sterline venti, somministrate* […] *al detto testatore dal detto sua figlio Giuseppe Portelli, legatario, ed in compenso pure dei servigi ed assistenze personali gia prestati dal detto legatario al testatore e da prestarsi sino al giorno della morte di esso testatore.*

***Testment ta' Carmelo Portelli, armel ta' Carmela nee' Farrugia, tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea:***[87]

[86] Testment a fol 30 sa 34.
[87] Testment a fol 35 sa 37, inkluz in verso pagina u ghal darb'ohra a fol 503 sa 507.

B'dan it-testment Carmelo Portelli ddispona kif isegwi:

> *Carmelo Portelli, minghajr okkupazzjoni, gia burdnar, bin il-mejjet Antonio, imwieled u residenti l-Fontana, Vittoria, Gozo – minni nutar conoscienti – u billi irid jiddisponi mil-beni tieghu ghaz-zmien ta' wara mewtu gie ghal dan it-testment li permezz tieghu irid u jordna kif u bil mod li sejrin nghidu:*
>
> *L-ewwel articolu:*
>
> *It-testatur Carmelo Portelli jirrevoka u jannulla qualunque testment li huwa ghamel u specjalment dak li huwa ghamel fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech fit-tmienja u ghoxrin ta' Gunju elf disa' mija erbgha u tletin (28.6.1934) billi irid li s-successjoni tieghu tigi regolata unikament mil-presenti.*
>
> […]
>
> *Ir-raba' articolu:*
>
> *It-testatur Carmelo Portelli, ihalli b'titolu ta' legat u in piena proprieta' lill Carmela Portelli, tifla xebba ta' ibnu l-infraskritt Giuseppe Portelli, il mobilia, biancheria,* […] *tad-dar, affarijiet ta' deheb, fidda u metall iehor prezzjuz, annimali u dak kollu li jkun jinsab fid-dar tat-testatur fil punt tal-mewt tieghu (cioe' fid-dar li qieghda fi Strada Fontana, Vittoria, Gozo numru erbgha u tmenin (N. 84)), jew kif komunament nghidu "a limine intus", kollox kompriz u xejn eskluz.*
>
> *It-testatur jiddikjara li qed ihalli dan il-legat lill-imsemmija Carmela Portelli in vista li din il-legatarja qieghda iddur bih.*
>
> *Il-hames articolu:*
>
> *It-testatur Carmelo Portelli ihalli b'titolu ta' prelegat u in piena proprjeta' lill'ibnu Giuseppe Portelli l-imsemmija dar jew ahjar il-lok ta' djar li jinsab fi Strada Fontana, Vittoria, Gozo, numru erbgha u tmenin (N. 84) u t-testatur jiddikjara li qed ihalli dan il-prelegat lill'ibnu Giuseppe Portelli in vista li l-istess prelegatarju Giuseppe Portelli min zmien sitt snin l'hawn qed jaghti lill-istess testatur erbgha liri (£4.0.0) fix-xahar; u in vista wkoll li min zmien twil l-istess Giuseppe Portelli qed jippresta is-servizzi tieghu lill-istess Carmelo Portelli, testatur.*

*Is-sitt articolu:*

*Salvi il-precedenti dispozizzjonijiet, it-testatur Carmelo Portelli jinnomina u jistitwixxi b'eredi unversali tieghu u proprietarji assoluti, f'ottava parti kull wiehed lill-uliedu Antonio, Giuseppe, Luigi, Emmanuele, Giorgio, Carmelo, Fra Francesco (fis-secolu Michelino) u Caterina, mart Felice Vella, ahwa Portelli. Fil-kaz li xi hadd minn dawn l-eredi ma' jkunx jista jew ma' jkunx irid jaccetta l-eredita', it-testatur jissostitwixxi ghalih it-tfal jew dixxendenti tieghu, u fil-kaz ta' mankanza ta tfal jew dixxendenti; it-testatur Carmelo Portelli jordna id-dritt tal-akkrexximent bejn l-istess eredi.*

Mill-assjem ta' dawn it-testmenti jirrizulta ampjament li l-wirt u successjoni tal-konjugi Carmelo u Carmela Portelli baqa' f'idejn is-superstiti fosthom, ossia Carmelo Portelli, sal-mewt ta' dan l-istess meta imbaghad, in forza tat-testment tieghu tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea ghaddha ghand it-tmien uliedhom ossia: Antonio, Giuseppe sive Joseph, Luigi sive Louis, Emmanuele, Giorgio sive George, Carmelo, Fra Francesco – fis-seklu Michelino – u Caterina sive Catherine sive Katerina mart Felic Vella.

Dan apparti ghal-lok ta' djar numru 84 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana, Ghawdex, li, ai termini tal-istess testment tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea; ghaddiet bi prelegat f'idejn wiehed biss mill-imsemmija ulied ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli, ossia Giuseppe sive Joseph Portelli, bil-kontenut taghha ghaddha b'legat ghand bint l-istess Giuseppe sive Joseph ossia Carmela mart Carmelo Grima.[88]

B'dan izda li l-istorja ma' waqfitx hawn.

Infatti, jirrizulta li mit-tmien eredi nominati fit-testment ta' Carmelo Portelli tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea; il-wirt effettivament waqa' fuq biss hames eredi ossia; l-ahwa Antonio Portelli, Giuseppe sive Joseph Portelli, Giorgio sive George Portelli, Carmelo Portelli, u Caterina sive Catherine sive Katerina mart Felic Vella.

Dan stante s-segwenti:

[88] Ref.: ukoll; kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tas-7 ta' Settembru, 1940 in atti Nutar Antonio Galea ezebit a fol 556 sa 573.

i. Il-mewt ta' Luigi sive Louis Portelli fit-22 ta' Ottubru, 1968.[89] Fil-fatt, l-eredita' ta' dan Luigi sive Louis hija wkoll materja in mertu f'din il-kawza;

ii. Il-mewt ta' Emmanuele li kif sewwa qal il-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca fir-relazzjoni tieghu tat-12 ta' Ottubru, 2007;[90] *fl-alberu genealogiku* […] *jissemma Emanuel Portelli bhala wiehed mill-ulied tal-konjugi Carmelo u Carmela Portelli, u huwa ndikat bhala mejjet. Pero' la giet ipprovduta d-data tal-mewt tieghu, la ricerki testamentarji, u l-anqas biss jissemma fic-citazzjoni bhala wiehed mill-ulied sopravissuti ghall-konjugi Carmelo u Carmela Portelli. Il-perit sejjer ghalhekk jassumi li dan miet improle qabel il-genituri tieghu, salv li tingieb prova f'dan ir-rigward mill-atturi.*[91]

In-nuqqas ta' prova dwar il-mewt u possibbli dispozizzjonijiet testamentarji ta' Emmanuele Portelli ma' giet qatt rimedjata tul l-andament tal-kawza li damet ghaddejja sa mill-prezentazzjoni taghha fid-9 ta' Novembru, 1992[92] sad-differiment moghti ghal-prezentazzjoni tan-nota tal-osservazjzonijiet finali u t-trattazzjoni finali fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu, 2023.[93]

B'dan li ghalhekk din il-Qorti ma' tistax ghajr f'li taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali u zzomm li Emmanuele Portelli miet improle bis-sehem tieghu mil-wirt tal-genituri tieghu, skont l-ahhar testment ta' missieru Carmelo Portelli tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea ddevolva fuq ir-rimanenti hutu bl-akkrexximent volut mit-testatur Carmelo Portelli fis-sitt artikolu tal-istess testment;

iii. Il-fatt li Fra Francesco Portelli, fis-seklu Michelino Portelli, huwa eskluz mill-wirt tal-genituri tieghu in forza tal-Artikolu 611 tal-Kap. 16,[94] kif sewwa xehed ir-Reverendu Godfrey Zarb, u kif finalment qablu l-partijiet, u dan b'rizultat li ha l-ordni sagri ta' patri fratell fl-Ordni tal-Patrijiet Kapuccini.[95]

---

[89] Certifikat tal-mewt a fol 38.
[90] Relazzjoni a fol 168 sa 179.
[91] Ref.: l-ahhar paragrafu a pagna 7 tar-relazzjoni li tinsab a fol 174.
[92] Ref.: timbre tar-Registru tal-Qorti fuq ir-rikors promotur a fol 1.
[93] Ref.: verbal 845 u 846.
[94] **611.** *(1) Il-membri ta' ordnijiet reliġjużi, jew ta' xirkiet reliġjużi ta' regolari ma jistgħux, wara li jkunu ħadu l-voti tal-professjoni jew xirka reliġjuża, jiddisponu b'testment. (2) Lanqas ma jistgħu dawk il-persuni jirċievu b'testment, ħlief xi vitalizju żgħir, bla ħsara ta' kull projbizzjoni oħra stabbilita mir-regoli tal-ordni jew tax-xirka li jkunu fihom.*
[95] Ref.: verbal tal-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2013 a fol 544.

***Dwar id-dispozizzjoni tal-wirt tad-defunt Luigi sive Louis Portelli:***

Luigi sive Louis Portelli miet fit-22 ta' Ottubru, 1968 kif jirrizulta miccertifikat tal-mewt tieghu in atti.[96]

Mill-atti jirrizulta ulterjorment li dan l-istess halla diversi testmenti nkluz wiehed tat-18 ta' Awwissu, 1966 in atti Nutar Antonio Galea; testment *unica charta* li ghamel flimkien ma' martu Rosa Portelli nee' Spiteri.[97]

Dan it-testment ma' giex ezebit in atti b'dan izda li jirrizulta li hemm qbiel bejn il-partijiet li l-istess Luigi sive Louis innomina bhala eredi tieghu lill hutu u jekk kien hemm min hutu mejtin, lill-uliedhom *per stirpes*.

Dan huwa aktar u aktar ikkonfermat mill-fatt li:

i. l-istess huwa ddikjarat fuq id-denunzja *causa mortis* tieghu ezebita in atti,[98] u;

ii. l-partijiet kollha qablu man-nota b'elenku ta' assi in divizjoni li stipulat ukoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet prezentata mil-konvenuti Kristinu Portelli, l-eredi ta' Katerina Vella, u dawk ta' Carmela Grima fil-15 ta' Frar, 2022[99] li thaddan il-pozizzjoni li l-werrieta ultimi ta' Carmelo u Carmela Portelli huma dawk ta' binhom Carmelo, binhom George, binthom Katerina, binhom Giuseppe.

In-nuqqas ta' Antonio Portelli, iben Carmelo u Carmela Portelli, f'din in-nota gie nnutat mill-konvenut Anthony Vella fin-nota tieghu tas-6 ta' Gunju, 2022.[100]

L-istess nuqqas gie osservat ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-konvenuti Kristinu Portelli u l-eredi ta' ohtu Carmela Grima fejn il-kwoti tal-partijiet gew korretti ghal kwint (1/5) a favur l-eredi tar-rimanenti

[96] Certifikat tal-mewt a fol 38.
[97] Ref.: pagna tar-ricerki a fol 443.
[98] A fol 467 sa 482.
[99] Nota a fol 786 u 787.
[100] Nota a fol 793.

hamest' ulied ta' Carmelo u Carmela Portelli ossia Anthony Portelli, Giusepp Portelli, Catherine Vella, George Portelli, u Carmelo Portelli (Jr.).

Stabbliti kif Carmelo u Carmela konjugi Portelli u binhom Luigi sive Louis Portelli ddisponew mill-wirt taghhom, jibqa sabiex jigi accertat fix kien jikkonsisti l-istess wirt taghhom, ossia, x'kienu l-assi appartenenti lilhom in partikolari u li din il-Qorti trid tghaddi sabiex tikkunsidra ghall-likwidazzjoni, l-assenjazzjoni, u d-divizjoni skont it-talbiet atturi.

***Dwar l-assi appartenenti lill Carmelo u Carmela konjugi Portelli:***

Dwar dan gew ezebiti diversi noti da parti tal-partijiet, senjatament:

i. mill-atturi a fol 488 *et seq* tal-process;
ii. mill-konvenuti Anthony u Charles ahwa Bonnici a fol 550 tal-process;
iii. mill-konvenut Anthony Vella a fol 755;
iv. mill-atturi a fol 756 *et seq* tal-process;
v. mill-konvenuti Kristinu Portelli, l-eredi ta' Katerina Vella, u l-eredi ta' Carmela Grima a fol 786 u 787 tal-process;

Fl-istess noti jissemmew is-segwenti proprjetajiet:

i. art fix-Xlendi maghrufa bhala *"Tal-Barriera"*;
ii. art f'Ta' Sannat li tigi wara bini ta terzi;
iii. art fir-Rabat, Ghawdex maghrufa bhala *"Ta' Wara s-Sur"*;
iv. fond numru 67 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana;
v. fond numru 70 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana;
vi. id-dar numru 84 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana;
vii. id-dar numru 87 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana.

B'dan izda li kif tajjeb irrelataw kemm il-perit legali, l-Avv. Dr. Grazio Mercieca, kif ukoll dak tekniku, il-Perit Gordon Vella: dwar il-fond numru 67 u dak numru 70 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana, hadd mill-partijiet ma setgha jindika precizament dawn fejn jinsabu, minkejja li diversi mill-partijiet attendew diversi accessi maz-zewg periti.

L-istess jinghad dwar l-art msejha *"ta' Wara s-Sur"* fir-Rabat, Ghawdex fejn il-periti indikaw li hadd mill-partijiet ma' setgha jghid minn qed jahdem din l-art jew x'inhu l-estent taghha.

Dwar imbaghad il-fondijiet numri 84 u 87 fi Triq tal-Ghajn, il-Fontana, gie kjarament indikat mill-perit legali, l-Avv. Dr. Grazio Mercieca, li tali fondijiet ghandhom ikunu eskluzi mill-assi in divizjoni stante li, kif diga osservat hawn aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, il-fond numru 84 ghaddha be prelegat lill wiehed minn ulied Carmelo u Carmela Portelli ad eskluzjoni tal-ohrajn, ossia, lill Giusepep Portelli permezz tat-testment ta' Cramelo Portelli tas-7 ta' Mejju, 1939 in atti Nutar Antonio Galea.

Wara dan, l-eredi l-ohra ta' Carmelo u Cramela Potrelli, u hut Giuseppe Portelli stess, iffirmaw immissjoni fil-pusess favur Giuseppe Portelli dwar dan il-fond numru 84 f'liema kuntratt bieghu wkoll lill-istess Giuseppe l-fondijiet numri 87 u 88[101] sakemm effettivament dawn il-fondijiet – numri 84, 87, u 88 – inbieghu mill-eredi ta' Giuseppe Portelli – Kristinu Portelli u n-neputijiet tieghu, ulied ohtu Carmela mart Carmelo Grima lill terza persuna, ossia certa B. Farrugia, b'zewg kuntratti tat-2 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Silvio Hili.[102]

Din il-Qorti ghalhekk certament taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca f'dan ir-rigward.

B'dan li allura, in divizzjoni bejn il-partijiet jibqa biss is-segwenti proprjetajiet:

i. art fix-Xlendi maghrufa bhala *"Tal-Barriera"*;
ii. art, jew ahjar zewg porzjonijiet art f'Ta' Sannat li jigu wara bini ta terza persuna, ossia ta' Anthony Pisani, li xehed ukoll f'din l-istanza.[103]

Dwar dawn, il-perit tekniku, Perit Gordon Vella, immedjatament fix-xhieda tieghu qabel hejja r-relazzjoni tieghu elenka d-diffikoltajiet li kien qed jirriskontra peress li l-partijiet ma' kienux certi minn x'kellhom u ma' kellhomx bhala proprjeta'.[104]

---

[101] Ref. kuntratt ta' immissjoni fil-pusses u akkwist tas-7 ta' Settembru, 1940 in atti Nutar Antonio Galea a fol 556 sa 573.
[102] Kuntratt a fol 730 *et seq* u iehor a fol 748 *et seq.*
[103] Traskrizzjoni a fol 591 *et seq.*
[104] Ref.: xhieda tieghu a fol 577 *et seq.*

Minkejja dan, u minkejja t-trapass ta zmien bejn din l-istess xhieda tal-perit tekniku u d-data tar-relazzjoni tieghu;[105] il-partijiet baqghu ma' tawx informazzjoni opportuna lill-perit tekniku sbaiex jidentifika b'mod tajjeb l-estent tal-proprjeta' ossia medda art fix-Xlendi.

Rigward dan, il-perit tekiniku rrelata, fil-fatt, li l-partijiet taw indikazzjonijiet differenti tal-estent tal-art fix-Xlendi u lilu ma' gie provdut ebda kuntratt dwar l-akkwist ta' din l-istess proprjeta' sabiex ikun jista johrog l-estent reali taghha, ihejji pjanta relattiva u jaghti valutazzjoni taghha.

Maghdud dan, u minkejja li din il-Qorti hija provvista b'kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo li bih iben Carmelo u Carmela Portelli, Antonio Portelli akkwista f'ismu u f'isem ommu drittijiet fuq l-art *"Tal-Barrieri"*, fix-Xlendi, tal-kejl ta' erba' mundelli mil-poter ta' Francesco Gauci,[106] din l-istess Qorti mhijiex provvista bi pjanta li turi l-etstent tal-art hekk akkwistata.

Il-partijiet naqsu wkoll milli jitolbu lill-perit tekniku jiehu konjizzjoni tat-tali kuntratt u, skont il-kejl superficjali u l-irjihat hemm imnissla, jistabilixxi l-estent tal-art *"tal-Barrieri"* fix-Xlendi.

Dan wassal sabiex filwaqt li l-perit tekniku hejja pjanta ghal kull porzjon art f'Ta' Sannat,[107] dwar liema kien hemm qbiel bejn il-partijiet dwar l-estent tgahhom, mhux l-istess ghamel dwar din l-art fix-Xlendi fejn dderiga biss pjanta wahda b'superimpoizzjoni tal-estent tal-art skont kull-parti.[108]

Xejn ma' ghin li filwaqt li l-atturi bdew sabiex quddiem il-perit tekniku stqarrew li l-estent ta' din l-art huwa ta' 794m.k.,[109] u komplew sabiex fuq il-post, waqt access mal-perit tekniku, indikaw estent li jezorbita dan il-kejl – ghal-kejl ta' 977m.k. – mentri l-konvenut Anthony Vella kompla jsostni li l-kejl proprju ta' din l-art huwa ta' 764m.k.

[105] Ix-xhieda viva voce nghatat fit-30 ta' Mejju, 2014 mentri r-rleazjzoni tal-perit tekiniku giet ezebita nhar il-11 ta' April, 2018 – ref traskrizzjoni a fol 577 *et seq* u relazzjoni a fol 631 *et seq.*
[106] Kopja tal-kuntratt originali a fol 513 u 514 bi traduzzjoni awtentikata a fol 511 u 512.
[107] Planta a fol 640 u ohra a fol 643.
[108] Pjanta a fol 645.
[109] Ref.: verbal ta' seduta mizmuma quddiem il-perit tekniku riprodott fir-relazzjoni tieghu fil-pagan tal-istess a fol 632

Il-partijiet ittentaw jissanzjonaw dan in-nuqqas billi ressqu sabiex jixhdu lill-Avv. Dr. Rosemarie Farrugia in rapprezentanza tal-Ordni tal-Karmelitani ta' Malta, u lill Malcolm Scerri in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet.

B'dan izda li filwaqt li l-Avv. Dr. Farrugia dehret tixhed fuq art li ghadha proprjeta' tal-Knisja tant li qalet li l-Ordni tal-Karmelitani ta' Malta ghadu jircievi l-qbiela dwar l-istess, Malcolm Scerri xehed ukoll billi ezebixxa pjanta[110] fejn indika dik li hija proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u dik li hija tal-privat. B'dan izda li l-art in mertu kif tirrizulta mil-pjanta tal-perit tekniku a fol 645, fuq l-istess pjanta ta' Malcolm Scerri tidher biss li mhijiex registrata.

Dan xejn ma' jghin sabiex jigi stabbilit l-estent proprja tal-art tal-partijiet specjalment meta dawn baqghu ma' qablux dwar il-kejl superficjali taghha.

Din il-Qorti tosserva wkoll il-kuntratt ezebit mill-konvenut Anthony Vella datat it-3 ta' April, 1998 in atti Nutar Joanne Cauchi li jindika l-estent ta' art li akkwista l-istess Anthony Vella fl-istess inhawi tax-Xlendi ta' din l-art in mertu, tant li fl-istess kuntratt l-art hemm akkwistata giet deskritta bhala konfinanti mal-art in mertu. Il-pjanta mehmuza ma' tali kuntratt tirreferi ghal-art fuq in-naha l-ohra ta' Triq l-Ghar ta' Karolina minn fejn fil-fatt ghandha tkun l-art in mertu, oggett tal-eredita ta' Carmelo u Cramela Portelli.

Minkejja dan, din il-Qorti tqies li abbazi tal-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo, il-kejl superficjali u l-irjihat hemm moghtija, u dak li jirrizulta mil-pjanta ezebita mix-xhud Malcolm Scerri a fol 714, perit ghandu jkun jista jippjanta l-art verament akkwistata minn Antonio Portelli u ommu Carmela Portelli fl-1923.

Dan partikolarment meta l-istess atturi quddiem il-perit tekniku stqarrew li l-art tal-barriera inxtrat fl-1923 u allura jaqblu li dak li gie akkwistat huwa dak li jirrizulta mill-att tal-1923.[111]

Din il-Qorti tqies ghalhekk li din l-art tista tigi kkunsidrata fil-parti dizpozittiva ta' din id-decizjoni anke jekk ghadha s'issa mhux

[110] Pjanta a fol 714.
[111] Ref. l-ahhar sentenza tal-ewwel paragrafu fil-pagnaa fol 636 tar-relazzjoni tal-perit tekniku.

ezattament identifikata u dan stante li l-istess hija facilment identifikabbli u ghalhekk m'hemmx raguni ghalfejn tithalla barra mid-divizjoni jew il-bejgh in licitazzjoni.

Hija hasra li ebda parti f'din l-istanza ma talbet l-estensjoni tal-inkarigu tal-perit tekniku ghal ghan li jippjanta din l-art tax-Xlendi skond il-kejl u l-irjihat moghtija fil-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo.

Finalment, tenut kont tal-fatt li l-partijiet kontendeti lkoll irrimettew ruhhom ghan-nota prezentata mid-difensur ta' Kristinu Portelli, l-eredi ta' Katerina Vella, u l-eredi ta' carmela Grima nee' Portelli, ilkoll konvenuti, dwar il-konsistenza tal-assi kif hemm indikati;[112] kjarament iwassal ghall-intendiment li jekk hemm proprjetajiet ulterjuri ghal dawk hemm elenkati li jistghu ikunu parti mill-assi talvolta divizibbli bejn il-partijiet; dawn gew eskluzi minn din il-kawza bi qbiel bejn il-partijiet kif koncess li jsehh f'kawza ta' din in-natura ossia, *actio familiae erciscundae*.

B'dan li ghalhekk, l-assi formanti parti l-wirt tad-decujus Carmelo Portelli u d-decujus Carmela Portelli nee' Farrugia li ghandhom ikunu kkunsidrati bhala dawk in divizjoni f'din l-istanza huma s-segwenti:

i. porzjon art f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' cirka 390m.k. li tirrizulta mil-pjanta tal-perit tekniku a fol 640;

ii. porzjon art f'Ta' Sannat tal-kejl ta' cirka 248m.k. li tirrizulta mil-pjanta tal-perit tekniku a fol 643, u;
iii. porzjon art fix-Xlendi maghrufa bhala *"Tal-Barrieri"* ta' nofs il-kejl indiviz – ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati hawn aktar l-isfel – u bl-irjihat skont il-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo.

Mhux accertibbli mid-dokumenti in atti, inkluz id-denunzji relattivi ghal Carmelo u Carmela konjugi Portelli jekk tali proprjetajiet kienux jappartjenu lilhom konguntivament jew lill xi hadd minnhom in partikolari, b'dan il-punt anqas gie ndirizzat bil-provi migjuba ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti jew il-periti teknici mahtura minnha.

[112] Ref.: verbal a fol 845 u 846.

B'dan li ghalhekk din il-Qorti sejra tqies dawn l-istess bhala proprjeta' kongunta, kif del resto ghamlu l-partijiet f'kull nota minnhom ezebita bhala elenku tal-assi.

Maghdud dan, huwa car li dwar l-art *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi il-konjugi Carmelo u Carmela Portelli setgha kellhom biss nofs il-kejl taghha ta' erba' mundelli stante li bil-kuntratt li bih giet akkwistata, ossia dak tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francecso Refalo – a fol 511 *et seq* – tali art Carmela akkwistat biss porzjon taghha flimkien ma' binha Antonio li deher f'ismu proprju u f'isimha.

L-ishma akkwistati minn Antonio u ommu Carmela mhux definiti fl-istess kuntratt b'dan li ghandu jigi ghalhekk prezunt li iz-zewg partijiet kompraturi akkwistaw sehem indiviz ta' nofs kull wiehed.

***Dwar l-assi appertenti lill Luigi sive Louis Portelli:***

Huwa osservat li dwar dan id-*decujus* ftit li xejn ingiebu provi tant li apparti c-certifikat tal-mewt tieghu,[113] gew ezibiti ricerki dwar testmenti u trasferimenti[114] kif ukoll denunzja tieghu,[115] bl-uniku izda tip ta' rendikont dwar proprjetajiet tieghu huwa dak maghmul mill-atturi f'forma ta' sommarju ta' trasferimenti[116] li kif diga osservat jinkludi riassunt ta' proprjetajiet li diga gew ikkunsidrat *supra* min din il-Qorti.

Il-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca fir-relazzjoni tieghu fil-fatt identifika bhala proprjeta' ta' Luigi Portelli biss r-raba' msejjah *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi[117] li hija diga nkluza fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar l-assi ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli.

L-istess raba' *"Tal-Barriera"* tirrizulta wkoll fid-denunzja tieghu li saret fis-26 ta' Dicembru, 1968 izda fil-kejl ta' cirka keltejn u nofs, ossia 46.85m.k.[118] bil-kejl li jirrizulta mill-kuntratt ta' xiri tat-8 ta' Gunju, 1923

[113] A fol 38.
[114] A fol 396 *et seq.*
[115] A fol 467 sa 482 u ghal darb'ohra a fol 769 sa 783.
[116] Ref. dokument a fol 491 anness ma' nota tal-atturi li tinsab a fol 488 kif ezebit ghal darb'ohra a fol 759.
[117] Ref.: l-ewwel zewg linji taht it-titolu *"Dwar il-Konsistenza tal-Assi Ereditarji"* fil-pagna 11 a fol 178 tar-relazzjoni tal-perit legali.
[118] Ref.: raba' paragrafu tad-denunzja fil-pagna taghha li tigi a fol 771.

in atti Nutar Francesco Refalo huwa akbar stante li jiddeskrivi l-art fix-Xlendi bhala tal-kapacita ta' erba' mundelli.[119]

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis li l-assi tad-decujus Luigi sive Louis Portelli huma assorbiti f'dawk tal-genituri tieghu Carmelo u Carmela Portelli.

Ebda mill-partijiet ma' ikkontendew mod iehor tul is-snin li ilu pendenti dan il-process bil-partijiet, anzi, irrimettew ilkoll ruhhom ghall-ahhar nota dwar l-assi ezebita mil-konvenuti Kristinu Portelli, eredi ta' Katerina Vella, u eredi ta' Carmela Grima fil-15 ta' Frar, 2022[120] illi m'ghamlet ebda distinjoni bejn assi ereditarji ta' Carmelo, Carmela, u Luigi Portelli izda nisslet biss l-assi ereditarji in divizjoni u l-ishma ta' kull parti fl-istess.

Identifikati l-modalitajiet kif Carmelo u Carmela konjugi Portelli u Luigi sive Louis Portelli ddisponew mill-wirt taghhom, kif ukoll il-proprjetajiet relattivi ghal tali dispozizzjonijiet jibqa sabiex din il-Qorti tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 li kif inghad qabel, in kwantu ghar-risposta guramentata tal-konvenuta originali Dolora Vella, li giet trasfuza f'binha l-konvenut Anthony Vella, ma' gietx irtirata.

***Dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2143 tal-kap. 16, Ligijiet ta' Malta:***

Fil-Qosor, din il-Qorti sejra taghmel referenza ampja ghal dak osservat fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-konvenuti Anthony u Charles Bonnici, aventi kawza tal-konvenuta originali Emmanuela Bonnici, fejn inghata riassunt tajjeb dwar il-principji enuncjati mill-gurisprudenza nostrana dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16.[121]

L-istess sar fir-relazzjoni tal-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca li din il-Qorti taghmel taghha.

---

[119] Jekk kejla hija ekwivalenti ghal mondell, u ghal 18.74m.k., 4 mondelli jew erba' kejliet jigu
[120] Nota a fol 786 u 787. Verbal a fol 845 u 846.
[121] Ref.: pagna 5 sa pagna 8 tan-nota a fol 862 sa 865 tal-process.

Il-kwistjoni principali fil-fatt ezaminata kemm fir-relazzjoni tal-perit legali kif ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet finali msemmija titratta dwar jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita tkunx dik akkwizittiva jew estintiva.

F'dan id-dawl, issir referenza ghad-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet ***Testaferrata Moroni Viani Salvino et vs Montanaro Francis***, fejn gie ritenut kif isegwi:

> *Issa hu generalment ammess li konvenut ma huwiex prekluz milli jaddotta aktar minn sistema wahda ta' difiza. Dan jista' jinghad b'aktar raguni, imbaghad, f'kaz fejn ikun invokat l-Artikolu 2143 gjaladarba dan id-dispost tal-ligi jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' titqies kemm akkwizittiva kif ukoll estintiva. Vide decizjoni fl-ismijiet "Bernardina D'Amato et –vs- Lourdes Axiaq", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef G. Caruana Demajo, 2 ta' Gunju 2000. Jghid in fatti l-Baudry ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol. XXVIII para. 587): "questa regola, nella sua generalita`, si applica alla prescrizione, sia acquisitiva sia estintiva."*

Jigi osservat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-kaz odjern giet eccepita bhala dik *"estentiva a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili"*[122] u mhux dik akkwizittiva bil-Qorti, a tenur tal-Artikolu 2111 tal-Kap. 16,[123] ma' tistax *ex officcio* taghti effett ghall xi preskrizzjoni oltre dik li tigi eccepita mil-parti nteressata.

B'dan illi kif tajjeb gie osservat mil-perit legali fir-relazzjoni tieghu:

> *Il-pussess separat ta' gid partikolari formanti parti minn assi ereditarju jista' jaghti lok ghall-preskrizzjoni akkwizittiva, pjuttost milli dik estintiva. Il-Qorti ma' tistax tqanqal preskrizzjoni ex officcio u ghalhekk l;-ezercizzju taghha jrid ikun ristretto biex tara jekk il-preskrizzjoni mqanqla tkunx applikabbli jew le ghal kaz quddiemha. Huwa car li l-provi dwar il-pussess migjuba mill-konvenuta Dolores Vella jirrigwardaw eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva li pero' ma gietx imqanqla minnha u li ghalhekk ma' tistax tigi kkunsidrata. Tra parentesi anke kieku kellha tigi mqanqla, biex ko-werriet jippreskrivi wirt jew parti minn wirt favur tieghu huwa*

[122] Ref.: l-ewwel eccezzjoni tar-risposta guramentata tal-kovennuta Dolora Vella a fol 67 u 68.

[123] **2111.** *Il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata.* Ref.: ukoll ***Maltacom p.l.c. vs Salina Co. Limited***, Prim'Awla, 30 ta' Novembru, 2004. Ref. ukoll: ***Martin Aquilina nomine vs Christopher Friggieri***, Appell, 20 ta' Ottubru, 2003.

*essenzjali l-pussess pubbliku, car u inekwivoku b'mod mill-aktar manifest. Mhux bizzejjed li ko-werriet thalla jahdem ghalqa partikolari ghal iktar minn tletin sena pendenti id-divizjoni.*[124]

Inghad ulterjorment li:

*Fil-kaz prezenti, b'danakollu, kwalunkwe' tip ta' preskrizzjoni, kemm akkwizittiva kif ukoll estintiva certament giet interrotta permezz tal-ittra ufficjali pprezentata fil-11 ta' Dicembru, 1969 u notifikata fost persuni ohrajn lill Anthony Portelli (missier il-konvenuta Dolora Vella) fit-12 ta' Dicembru, 1969 (ara kopja ufficjali ta' l-istess ittra ufficjali, ipprezentata mill-attrici fil-10/01/1998 f'seduta mizmuam mil-perit legali) u mmarkata Dok PG-1. Mhux il-werrieta kollha jidher li gew notifikati; izda kif inhu maghruf, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' werriet wiehed ikollha effett interruttiv kontra l-ko-werrieta kollha in forza tal-principju tal-indivizibilita' ezistenti bejniethom.*[125]

Dan huwa in sintonija mal-gurisprudenza kostanti u prevalenti nostrana.[126]

B'dan ghalhekk li din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentannali ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrata wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa opportun li ssir kunsiderazzjoni rigward talba ghal-divizjoni fejn tali divizzjoni ma' tkunx wahda li tista facilment ssehh minghajr soluzzjonijiet imgebbda.

Hawnhekk issir referenza ampja ghal dak ritenut fid-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru, 2003 fl-ismijiet ***Paul Grech et vs Lawrence Grech et*** fejn gie ritenut:

---

[124] Ref.: ir-raba' paragrafy fil-pagna 10 tar-relazjzoni a fol 177. Ref.: ukoll id-decizjonijiet ***Luigi Pace Balzan et vs Giovanni Pace Balzan et***, Prim'Awla, 05.10.1886, XI.162; ***Borg vs Cuschieri***, Prim'Awla, 29.01.1897, XVI.ii.4; ***Giuseppe Ellul et vs Antonio Fenech et***, Prim'Awla, 25.01.1951, XXXV.ii.337; ***Paolo Camilleri vs Antonio Camilleri***, Prim'Awla, 16.05.1983, mhux ippubblikata.

[125] Ref.: l-ahhar paragrafu fil-pagna tar-relazzjoni a fol 177.

[126] Ref. ***Grazia Mamo vs Carmelo Vella***, Prim'Awla, 01.02.1951, XXXV.ii.341; ***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella***, Appell, 13.03.1953, XXXVII.i.105; ***Tommaso Sammut vs Carmela Farrugia***, Prim'Awla, 19.10.1954, XXXVIII.ii.583; ***Carmelo Azzopardi vs Paul Farrugia***, Appell, 23.11.1962, XLVI.i.381; ***Antonio Micallef Decaro noe vs Giuseppe Gatt et***, Appell, 18.01.1974, mhux ippubblikata. Ref. ukoll ***Maria Concetta Demarco et vs Giorgio Zammit***, Appell (Kummercjali), 11.06.1943, XXXI.i.641.

*Illi t-talba sabiex ġid immobbli miżmum minn għadd ta' sidien jinbiegħ b'liċitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-prinċipji ewlenin li jsawru l-istitut tal-liġi li titkellem dwar ġid komuni. Fost dawn il-prinċipji hemm dak li kull wieħed mis-sidien ta' ħaġa komuni għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-ġid in natura,*[127] *u l-prinċipju l-ieħor li ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jibqa' jżomm ħaġa flimkien ma' ħaddieħor.*[128] *Għalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu (skond is-sehem tiegħu) biżżejjed mill-ġid komuni fil-kwalita' li dak il-ġid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan iġib miegħu l-effett li l-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola,*[129] *u tikkwalifika bħala rimedju straordinarju fil-konfront tar-rimedju ordinarju tal-qasma in natura.*[130] *Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema ċirkostanzi għandha ssir;*

*Illi huwa possibbli li ssir il-qasma in natura wkoll fejn l-ishma ma jkunux daqsinsew.*[131] ***Madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qegħda ssir biss fid-dieher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni*** *u tkun qegħda titħares il-liġi fil-kelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju.*[132] ***Daqstant ieħor irid jingħad li l-liġi***[133] ***ma tridx li, biex issir il-qasma, min ikun jifred il-fondi fi bċejjeċ jew joħloq fuqhom servitujiet. F'każ bħal dan, jidher xieraq li ssir il-liċitazzjoni;***[134]

*Illi huwa mgħallem ukoll f'dan il-qasam li* ***ma tistax issir il-liċitazzjoni ta' ġid immobbiljari wieħed jekk is-sidien ikunu jżommu bejniethom ġid komuni ieħor****.*[135] *M'huwiex imħolli lis-sidien komuni li jwettqu proċess spezzettat tal-qasma ta' ġidhom komuni, bħalma lanqas huwa mogħti (għaliex intempestiva) li ssir talba għal-liċitazzjoni ta' post li jagħmel biċċa minn wirt li għadu ma ġiex likwidat;*[136]

*Illi* ***għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew***

[127] Artikolu 502, Kap. 16.
[128] Artikolu 496, kap. 16.
[129] Ref.: ***Baldacchino et vs Baldacchino***, Appell, 5.3.1954, XXXVIII.105 u ***Fleri et vs Portelli***, XLIII.ii.657.
[130] Ref.: ***Rita Grech et vs Guzeppi Zammit et***, Appell, 15.7.1969, mhux ippubblikata.
[131] Ref.: ***Vincent Camilleri et vs Helen Pavia***, Prim'Awla, 20.03.2003.
[132] Ref.: ***Bugeja vs Pace et***, Prim'Awla, 21.03.1936, XXIX.ii.1030.
[133] Artikolu 504, Kap. 16.
[134] Ref.: *inter alia;* ***John Ellul et vs Vincenza Cassar et***, Prim'Awla, 20.03.2003.
[135] Ref.: ***Chircop vs Calleja et***, Appell, 12.11.1951, XXXV.i.188.
[136] Ref.: ***Farrugia et vs Farrugia***, Appell Kummerċjali, 29.4.1949, XXXIII.iii.522.

***tkun trid tieħu għandha.***[137] *Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi;*[138]

*Illi ngħad li l-kliem "bla xkiel" fil-liġi jfissru bħala "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", filwaqt li "bla ħsara" jfissru "mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu".*[139] *L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward huma hija waħda ta' fatt.*[140] ***Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli*** *fil-limiti hawn fuq imfissra;*[141]

***Illi huwa aċċettat ukoll li t-talba għall-qasma timplika fiha wkoll talba għal-liċitazzjoni meta joħroġ li l-ġid komuni ma jistax jinqasam mingħajr xkiel u ħsara.***[142] ***B'mod partikolari, l-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-liċitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja li tkun intalbet il-liċitazzjoni,***[143] *u dan għaliex il-liċitazzjoni m'hijiex għajr modus divisionis* [...]

[enfazi ta' din il-Qorti]

Fil-kawza prezenti, il-perit tekniku naqas milli jghid jekk il-proprjetajiet identifikati minnu bhala in divizjoni bejn il-partijiet humiex komodament divizibbli.

B'dan izda li tenut kont tad-diffikoltajiet riskontrti minnu fl-inkarigu tieghu kif ukoll tal-fatt li l-art *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi, ghalkemm maghruf il-kejl superficjali u l-irjihat taghha kif fuq inghad, ma' gietx pjantata minnu, din il-Qorti tqies li huwa evidenti li l-artijiet in divizjoni mhumiex komodament divizibbli, partikolarment tenut kont ukoll tal-fatt u cirkostanzi rigwardanti l-partijiet li huma numeruzi b'diversi

[137] Ref.: ***Scicluna et vs Calleja et,*** Prim'Awla, 30.7.1967, XLVIII.ii.1083.
[138] Ref.: ***Fleri Soler et vs Hyzler et,*** Appell, 23.11.1953, XXXVII.i.371.
[139] Ref.: *inter alia,* ***Anthony Abela pro et vs Jospeh Abela et,*** Prim'Awla, 27.1.2003.
[140] Ref.: ***Vella vs Sciberras,*** Prim'Awla, 6.3.1948, XXXIII.ii.217, u; ***Azzopardi vs Zammit,*** Appell, 16.11.1962, XLVI.i.355.
[141] Ref.: ***Xuereb et vs Dimech et,*** Appell, 22.12.1948, XXXIII.i.369.
[142] Ref.: G***alea vs Attard et,*** Prim'Awla, 13.6.1958, XLII.ii.1102.
[143] Ref.: ***Meilak vs Zahra Scicluna,*** Appell, 28.6.1948, XXXIII.i.329.

minnhom jinsabu jirrisjedu barra minn xtutna. Huwa ragjonevoli ghalhekk li l-istess jinbieghu bil-licitazzjoni.

***Punt finali dwar xi renunzji ta' wirtijiet li sehhew referibbilment ghal wirtijiet in mertu:***

Mill-atti fil-process disponibbli lill din il-Qorti jirrizultaw biss zewg atti ta' rinunzja ta' wirt. Dan kif deskritt fil-porzjon "A", parti "preliminari" ta' din is-sentenza, ossia; [i] nota li biha George u Lorenzo ahwa Portelli, ulied il-mejjet George u Dolora nee' Borg, irrinunzjaw ghal-kwalunkwe' dritt u nteress taghhom fil-wirt u s-successjoni tal-mejtin Luigi Portelli, iben il-mejtin Carmelo u Carmela nee' Farrugia, li miet fit-22 ta' Ottubru, 1968 kif ukoll ta' martu Rosa Portelli, bint il-mejtin Giuseppe Spiteri u Margherita nee' Vella, li mietet fil-31 ta' Ottubru, 1977,[144] u; [ii] nota ta' l-istess Lorenzo Portelli fejn kompla sabiex iddikjara li m'ghandu ebda nteress f'din il-kawza.[145]

B'dan izda li fir-relazzjoni tal-perit legali l-Avv. Dr. Grazio Mercieca hemm imnissla diversi rinunzji addizjonali ossia:

i. ohra ta' Lawrence Portelli datata d-19 ta' Novembru, 1992 li biha rrinunzja wkoll ghal-wirt ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli;

ii. ohra ta' George Portelli datata t-2 ta' Dicembru, 1992 li biha wkoll irrinunzja ghal-wirt ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli u reggha r-rinunzja ghal-wirt ta' Luigi Portelli;

iii. wahda ta' Maria Grech, bint George Portelli, datata t-2 ta' Dicembru, 1992 li biha rrinunzjat ghal-wirt ta' Carmelo u Carmela Portelli kif ukoll ghal dak ta' Luigi Portelli;

iv. dikjarazzjoni maghmulha mill-avukat dakinhar difensur tal-partijiet konvenuti ulied George Portelli quddiem l-perit legali f'udjenza mizmuma nhar l-14 ta' Novembru, 1998 li l-ulied l-ohra ta' George Portelli, u cioe' Antonia Saliba, Carmela Grima, Pawla Schembri, u Giuseppa Cassar ukoll irrinunzjaw ghal-wirtijiet ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli kif ukoll Luigi Portelli;

---

[144] Nota ta' rinunzja a fol 125.
[145] Nota tad-19 ta' Ottubru, 1998 a fol 124.

v. dik ta' Carmela Saliba, wahda minn ulied Carmelo Portelli, datata l-1 ta' Dicembru, 1992, li biha wkoll irrikunzjat ghat-tlett ereditajiet.[146]

Sfortunatament, id-dokumenti ta' rinunzja msemmija *supra* huma nieqsa mil-process ta' din il-Qorti u dan kien suggett ghal-rikors tal-atturi tal-1 ta' April, 2014[147] li bih l-atturi gibdu l-attenzjoni tal-Qorti ghal tali nuqqas billi ddikjaraw *gie innotat b'fortuna illi uhud mid-dokumenti li kienu jifformaw parti integrali mis-seduti li kienu jinzammu mil-Avukat Grazio Mercieca, perit legali f'xi zmien, liema dokumenti ma ghadhomx fil-process*.

Minkejja dan, u minkejja talba sabiex jigi ripristinat il-process, gew ezebit xi dokumenti mill-legali ta' Anthony Vella izda dawn ma' kienux jikkomprendu dawn ir-rinunzji. Hadd mill-partijiet ma' segwa dan in-nuqqas.

B'dan izda li din il-Qorti m'ghandha ebda raguni tiddubita l-integrita tal-perit legali li jirrizulta kjarament li ghamel xogholu b'hila u diligenza. Partikolarment meta l-partijiet ma' ikkontestawx tali rinunzji anzi; l-atturi espressament qablu li sehhew tali rinunzji, inkluz fin-nota taghhom tat-18 ta' Novembru, 2011[148] fejn iddikjaraw, *inter alia, l-ulied kollha ta' George Portelli rrinunzjaw ghal-wirt ta' Carmelo, Carmela u Luigi Portelli*.[149] Similarment, il-konvenuti Kristinu Portelli u n-neputijiet tieghu Maryanne sive Annie Scicluna, Giovanni sive John Grima, Joseph Grima, Carmel Grima, u Francis Grima ghamlu dikjarazzjoni simili fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.[150]

B'dan li ghalhekk, tali rinunzji huma accetti minn din il-Qorti bhala li sehhew validament u jinpingu fuq il-kwoti tal-partijiet fuq il-wirt.

***Il-kwoti tal-partijiet:***

Tenut kont ta' dan kollu hawn enuncjat, il-wirt ta' Carmelo u Carmela Portelli u dak ta' Luigi Portelli, binhom, konsistenti fis-segwenti

[146] Ref.: ghal kull paragrafu (i) sa (iv), pagna 9 li tinsab a fol 176 tar-relazzjoni tal-perit legali.
[147] Rikors a fol 548.
[148] Nota a fol 488 *et seq*.
[149] Ref.: sentenza qabel tal-ahhar fl-ahhar paragrafu fil-pagna a fol 492.
[150] Tielet paragrafu fil-pagna a fol 885.

proprjetajiet [i] porzjon art f'Ta' Sannat tal-kejl superficjali ta' cirka 390m.k. li tirrizulta mil-pjanta tal-perit tekniku a fol 640; [ii] porzjon art f'Ta' Sannat tal-kejl ta' cirka 248m.k. li tirrizulta mil-pjanta tal-perit tekniku a fol 643, u; [iii] porzjon art fix-Xlendi maghrufa bhala *"Tal-Barrieri"* ta' nofs il-kejl indiviz u bl-irjihat skont il-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo ghandu jinqasam kif imiss:

i. kwint indiviz favur l-eredi ta' Antonio Portelli, iben il-mejtin Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, ossia il-konvenuta Maria Vella, il-konvenuta Dolora Vella, u l-konvenut Carmelo Portelli jew is-successuri taghhom;

ii. kwint indiviz favur l-eredi ta' Giuseppe sive Joseph Portelli, iben il-mejtin Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, cioe' decima parti versu l-assi tal-konvenut Kristinu Portelli u decima parti versu l-konvenuti Maryanne sive Annie Sultana, Giovanni sive John Grima, Joseph Grima, Carmel Grima, u Francis sive Frank Grima;

iii. kwint indiviz favur l-eredi ta' Carmelo Portelli (Jr.), iben il-mejtin Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, ossia l-attrici Pawla Mercieca, il-konvenuta Maria Assunta Cordina, ulied il-konvenuta Emmanuela Bonnici ossia Anthony u Charles ahwa Bonnici, u ulied l-attrici Giuseppa Portelli ossia l-atturi Carmelo, George, Joseph, Eucharist, u Vincent, flimkien ma' huthom nisa Antonia Vella u Maria sive Mary Portelli, ahwa germani Portelli. Il-konvenuta Carmela mart Mariano Saliba rrinunzjat ghall-eredita' ta' Carmelo, Carmela, u Luigi Portelli bis-sehem taghha ta' parti minn 25 ghandu jakkrexxi favur l-assjem tal-eredi;

iv. kwint indiviz favur l-eredi ta' Catherine sive Katerina Vella, bint il-mejtin Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, ossia Gregory Vella[151] jew l-aventi kawza tieghu.

Stante li l-kwint indiviz li kellu jmiss lill Giorgio sive George Portelli, iben il-mejtin Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, gie rinunzjat mill-eredi tieghu kif hawn aktar 'il fuq diga kkunsidrat, dan l-istess ghandu

[151] Uniku eredi taghha skont testment in atti a fol 499 u 500.

wkoll jakkrexxi favur il-wirt tar-rimanenti eredi ta' Carmelo Portelli u Carmela nee' Farrugia, ossia, favur is-successuri fit-titolu ta' Antonio, Giuseppe, Carmelo, u Katerina ahwa germani Portelli fl-ishma kif imiss skont dak enuncjat *supra* fil-paragrafi (i) sa (iv).

In-nofs indiviz rimanenti tal-proprjeta' ossia art *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi jmurr favur l-eredi ta' Antonio Portelli, iben Carmelo u Carmela Portelli.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deciz:

**i.** tilqa' l-ewwel talba attrici u tillikwida il-komunjoni tal-assi gja ezistenti bejn il-konjugi Carmelo u Carmela Portelli fil-beni segwenti: [i] nofs indiviz mil-porzjon art maghrufa *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex, li ghandha access minn Triq l-Ghar ta' Karolina, bl-estent taghha ghad irid jigi definit skont il-kejl u l-irjihat tal-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo fil-process a fol 513 u 514 bi traduzzjoni a fol 511 u 512; [ii] porzjon art fis-Sannat tal-kejl ta' cirka 390m.k. li ghandha access minn Triq Sannat, Ta' Sannat, Ghawdex, kif murija ahjar fil-pjanta a fol 640 u; [iii] porzjon art fis-Sannat tal-kejl ta' cirka 248m.k. li ghandha access minn Triq Sannat, Ta' Sannat, Ghawdex, kif murija ahjar fil-pjanta a fol 643;

**ii.** tastjeni mill tiehu konjizzjoni tar-rimanenti talbiet atturi u, minflok, tordna l-bejgh tal-proprjetajiet imsemmija fil-paragrafu numru (i) tad-decide bl-inkluzjoni tar-rimanenti nofs indiz tal-art *"Tal-Barriera"* fix-Xlendi stante l-ko-eredita ezistenti bejn l-eredi ta' Carmelo u Carmela konjugi Portelli u dawk diretti ta' Antonio Portelli u dan bil-licitazzjoni taht is-setgha tal-Qorti ghal-prezz kif iffissat mil-perit tekniku il-Perit Gordon Vella rigward iz-zewg prozjonijiet art f'Ta' Sannat ossia, il-prezz ta' mija u ghaxart elef Ewro (€110,000) ghal porzjon ta' 390m.k. u dak ta' elf u mitt Ewro (€1,100) ghal-porzjon ta' 248m.k. u ghal-prezz kif ser jinghad izjed 'il quddiem dwar l-art fix-Xlendi u dan; bil-procedura mfissra fil-

ligi ghal-bejgh bl-irkant bil-Qorti u bid-dhul mill-imsemmi bejgh jinqasam bejn il-partijiet skont il-kwoti taghhom kif enuncjat fil-parti ta' din id-decizjoni intitolata *"**Il-kwoti tal-partijiet**"* – a pagna 45 *et seq;*

**iii.** Tahtar lill Perit Gordon Vella sabiex, anke bl-assistenza ta' *surveyor* u tal-partijiet, jippjanta l-art *"Tal-Barrieri"* fix-Xlendi ai termini tal-kuntratt tat-8 ta' Gunju, 1923 in atti Nutar Francesco Refalo u bid-debita kunsiderazzjoni tal-pjanti ezebiti in atti mir-rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet Malcolm Scerri u dik tal-Ordni tal-Karmelitani l-Avv. Dr. Rosemarie Farrugia, jghaddi mbaghad sabiex jivvaluta l-istess bil-valutazzjoni mahlufa tiddahhal b'nota dettaljata fl-atti ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza maghduda maghhom dawk tal-valutazzjoni ordnata fil-parti dizpozittiva ta' din is-sentenza jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom mill-wirtijiet in mertu.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur